**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/066 |
| **Allegazzjoni:** | Ħruġ ta' regolamenti li jippermettu tiġijiet isiru fil-Foss taċ-Ċittadella, Għawdex, sabiex jakkomodaw persuna partikolari. |
| **Ilmentatur:** | Is-Sur Matthew Agius f'isem Team Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 29 ta' Lulju 2024 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 18 ta' Diċembru 2025 |

**L-Ilment**

1. Fid-29 ta' Lulju 2024, is-Sur Matthew Agius għan-nom ta' "Team Arnold Cassola" (l-Ilmentatur) ressaq ilment dwar l-Onorevoli Dr Owen Bonniċi, dak iż-żmien Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.[1] L-Ilmentatur talab li jiġi investigat jekk l-introduzzjoni ta' regolamenti speċifiċi li jippermettu l-użu tal-Foss taċ-Ċittadella f'Għawdex, post storiku u pubbliku, għar-riċevimenti tat-tiġijiet kinitx etika, u jekk kienx hemm kunflitt ta' interess da parti tal-Ministru Bonnici. L-Ilmentatur allega li l-introduzzjoni ta' dawn ir-regolamenti potenzjalment qajmet kwistjoni dwar abbuż u konflitti ta' interessi, dan għaliex l-avviż legali rilevanti nħareġ ġurnata qabel ma sar it-tieġ ta' membru tal-familja ta' Segretarju Permanenti fil-Foss.

2. L-Ilmentatur talab li jiġu investigati b'mod speċifiku:

   i. il-pubblikazzjoni tal-liġi sussidjarja intitolata "Regolamenti Dwar L-Organizzazzjoni ta' Riċevimenti tat-Tiġijiet Fil-Foss taċ-

[1] Illum il-portafoll tal-Ministru Bonnici huwa tal-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali.

Ċittadella" permezz tal-avviż legali numru 135 tal-2024,[2] ġurnata qabel ma sar it-tieġ;

ii. l-involviment tal-Ministru Bonnici fil-ħruġ ta' din il-liġi;

iii. kwalunkwe ksur tar-regolamenti introdotti permezz tal-avviż legali;

iv. il-konsegwenzi tad-deċiżjoni li jibdew isiru tiġijiet f'dan is-sit storiku u pubbliku;

v. għalfejn tiġijiet biss issemmew jew spiċċaw regolati bl-introduzzjoni ta' din il-liġi;

vi. b'mod ġenerali, il-mod ta' kif din il-liġi ġiet mibdula u l-effett tagħha fuq il-fiduċja pubblika u l-implikazzjonijiet għall-governanza tajba.

3. L-ilment huwa anness bħala d-**Dokument A.**

4. Dan l-Uffiċċju jinnota li l-ilment jinkludi riferenza għas-Segretarju Permanenti Joyce Dimech bħala s-Segretarju Permanenti tal-Ministru Bonnici, u ċioè tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali meta nħarġu r-regolamenti in kwistjoni. Għall-korrettezza, għandu jingħad illi f'Jannar tal-2024, qabel ma nħarġu r-regolamenti, is-Sa. Dimech assumiet il-kariga ta' Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Intern taħt ministru ieħor.

**Il-Kuntest**

5. Fis-27 ta' Lulju 2024, deher rapport fuq is-sit elettroniku *The Shift News*, li qal li madwar ġurnata qabel ma żżewġet it-tifla tas-Segretarju Permanenti Joyce Dimech, inħareġ avviż legali li jawtorizza l-użu tal-Foss taċ-Ċittadella f'Għawdex għar-riċevimenti tat-tiġijiet.[3] L-istess rapport jgħid illi qabel ma nħarġu dawn ir-regolamenti, ir-riċevimenti tat-tiġijiet ma setgħux isiru fil-Foss.

[2] L-avviż legali deher fil-Gazzetta tal-Gvern fl-14 ta' Ġunju 2024 u huwa aċċessibbli minn https://legislation.mt/eli/ln/2024/135/mlt.

[3] Ir-rapport huwa aċċessibbli minn https://theshiftnews.com/2024/07/27/law-changed-for-wedding-of-permanent-secretarys-daughter-at-cittadella/.

Barra minn dan, ir-rapport allega li ċerti proċeduri u kundizzjonijiet imsemmijin fir-regolamenti li kellhom jiġu osservati ma setgħux ġew segwiti mill-familja tas-Segretarju Permanenti fiż-żmien limitat li kien hemm bejn il-pubblikazzjoni tal-liġi u meta sar ir-riċeviment.

6. Ir-regolamenti li għalihom jagħmel riferenza r-rapport jgħidu, fost oħrajn, li:

i. id-dritt għar-riżerva u l-użu tal-Foss huwa ta' €5,000;

ii. id-Direttorat għall-Wirt Kulturali fil-Ministeru għal Għawdex għandu jħejji formola ta' riżerva flimkien ma' politika għall-użu tal-Foss, liema dokumenti għandhom ikunu disponibbli lill-pubbliku fuq is-sit elettroniku tal-istess Direttorat;

iii. il-formola għandha tiġi sottomessa fi żmien erba' ġimgħat qabel id-data/i indikata/i fil-formola.

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

7. Kif ingħad f'deċiżjonijiet oħra ta' dan l-Uffiċċju, *"min jokkupa kariga ta' skrutinju fuq l-amministrazzjoni, kif nagħmel jien, m'għandux jissostitwixxi l-ġudizzju ta' membru tal-amministrazzjoni fuq kwistjoni suġġettiva bil-ġudizzju tiegħu personali, sakemm id-deċiżjoni meħuda hija raġonevoli"*.[4] F'dan ir-rigward is-sottoskritt ħass illi ma kellux jidħol fil-mertu ta' liġi li l-Gvern tal-ġurnata ddeċieda kienet neċessarja, ladarba ma jidhirx li l-liġi nnifisha kienet b'xi mod vizzjata jew difettuża. Għalhekk, in kwantu għar-raba' u l-ħames talbiet tal-Ilmentatur, hija l-fehma tas-sottoskritt illi dawn ma jaqgħux fil-parametri tal-Att u għalhekk mhumiex ser jiġu kkunsidrati għall-finijiet ta' dan ir-rapport.

8. Dan l-Uffiċċju diġà nnota r-riferenza żbaljata li l-Ilmentatur għamel għall-portafoll tas-Sa. Dimech. Madankollu, ċertament kien hemm perjodi fil-passat fejn is-Sa. Dimech kienet is-Segretarju Permanenti tal-ministeri li kien responsabbli għalihom il-Ministru Owen Bonnici, u dawn kif ġej:

i. fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali minn Lulju tal-2020 sa Novembru tal-2020;

[4] Ara r-rapport dwar il-Każ K/022 tal-5 t'Ottubru 2020, paragrafu 47.

ii. fil-Ministeru għar-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Kordinazzjoni tal-Istrateġija għal wara Covid-19 minn Novembru tal-2020 sa April tal-2022; u

iii. fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali minn April tal-2022 sa Jannar tal-2024.[5]

9. Għalhekk, fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u s-sitt talba tal-Ilmentatur, in vista tal-perjodu qasir li kien hemm bejn l-introduzzjoni tar-regolamenti u d-data tat-tieġ, kif ukoll taż-żmien li s-Sa. Dimech għamlet bħala Segretarju Permanenti taħdem direttament mal-Onor. Bonnici, is-sottoskritt deherlu illi l-allegazzjoni ta' trattament preferenzjali potenzjali bl-introduzzjoni ta' din il-liġi kienet kredibbli biżżejjed li timmerita investigazzjoni. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li bħala Segretarju Permanenti, is-Sa. Dimech ma taqax taħt l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Għalhekk l-investigazzjoni ta' dan l-Uffiċċju tista' twassal għal konklużjonijiet dwar l-aġir tal-Ministru Owen Bonnici biss.

10. Fir-rigward tat-tielet talba tal-Ilmentatur, għandu jingħad li dan l-Uffiċċju mhuwiex l-awtorità responsabbli li tiżgura l-osservanza tar-regolamenti msemmijin fl-ilment. Madankollu, is-sottoskritt kien tal-fehma li jekk fil-perkors tal-investigazzjoni jirriżulta ksur tar-regolamenti, dan jista' wkoll jindika l-għoti ta' trattament preferenzjali u jkun ta' rilevanza għall-każ in eżami. Għalhekk is-sottoskritt ikkunsidra t-tielet talba b'mod limitat fil-kuntest tal-investigazzjoni tiegħu.

11. Is-sottoskritt għalhekk ikkunsidra l-ilment taħt id-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari li jinsab fit-tieni skeda tal-Att:

> *5.1 Sens ta' servizz – il-ġid suprem huwa l-ġid komuni u Ministru m'għandux ikun motivat minn sens ta' gwadann personali, familjari, ta' ħbiebu jew persuni qrib tiegħu, iżda biss minn sens ta' servizz lejn il-komunità inġenerali u l-ġid komuni, għax fuq kollox hu qed jamministra beni pubbliċi f'isem il-pubbliku inġenerali.*

[5] Is-Segretarju Permanenti Dimech ingħatat responsabbiltà għal żewġ portafolli bejn Settembru tal-2023 u Jannar tal-2024 minħabba r-riżenja ta' Segretarju Permanenti ieħor u għalhekk kienet Segretarju Permanenti għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali taħt ministru wieħed, u għall-Intern taħt ministru ieħor. Il-ministeri bħala organizzazzjonijiet baqgħu separati.

*5.4 Oġġettività – fil-qadi tad-doveri pubbliċi, inkluż fil-ħatriet għall-karigi, l-għoti ta' kuntratti, jew fil-kuntest ta' kull għoti ta' benefiċċji.*

*8.6 Ebda Ministru m'għandu jieħu sehem fit-teħid ta' deċiżjonijiet li jolqtu membri tal-familja tiegħu, persuni oħra qrib tiegħu, u ebda Ministru m'għandu jiġi kkundizzjonat b'mod mhux xieraq fid-deċiżjonijiet tiegħu minn konflitt ta' interess finanzjarju jew mod ieħor, tiegħu jew ta' persuni qrib tiegħu, jew jagħmel użu mhux xieraq minn informazzjoni li tiġi għandu minħabba l-kariga tiegħu u waqt il-qadi ta' dmirijietu, b'mod partikolari jekk dan isir sabiex jivvantaġġja inġustament lil xi persuna jew persuni għad-detriment ta' oħrajn.*

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

12. Fit-3 ta' Lulju 2024, dan l-Uffiċċju kiteb lill-Ministru Bonniċi sabiex jirreferilu l-ilment u jitolbu jgħid x'kienu l-konsiderazzjonijiet li waslu għall-ħruġ tar-regolamenti; jekk kienx minnu li mingħajr dawn ir-regolamenti ma setgħux isiru riċevimenti tat-tiġijiet fil-Foss taċ-Ċittadella; u għalfejn dawn ir-regolamenti inħarġu mill-gvern ċentrali taħt l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali meta l-użu ta' siti oħra għal avvenimenti privati huwa regolat mill-kunsilli lokali permezz ta' bye-laws.

13. Fit-30 ta' Lulju 2024, dan l-Uffiċċju kiteb ukoll lis-Sur John Borg, dak iż-żmien is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar, sabiex jitlob informazzjoni dwar l-istess regolamenti. Intalbet informazzjoni dwar:

i. jekk il-formola għall-applikazzjonijiet għall-użu tal-Foss u l-politika li tirregola l-istess użu humiex aċċessibbli mis-sit elettroniku tad-Direttorat għall-Wirt Kulturali tal-Ministeru għal Għawdex;

ii. meta dawn saru aċċessibbli;

iii. jekk tħallasx id-dritt ta' €5000 imsemmi fir-regolamenti għall-użu tal-Foss għar-riċeviment tat-tieġ in kwistjoni u jekk l-applikazzjoni rilevanti ġietx sottomessa erba' ġimgħat qabel id-data tat-tieġ. Fl-affermattiv, is-Sur Borg intalab jipprovi kopji tal-applikazzjoni, korrispondenza rilevanti u provi li sar il-ħlas.

14. Fl-1 t'Awwissu 2024 is-Sa. Joyce Dimech kitbet lil dan l-Uffiċċju (kopja tal-email annessa bħala **Dokument B**). Fl-email tagħha is-Sa. Dimech għamlet

riferenza għal rapport li kien deher fuq is-sit elettroniku tal-gazzetta *Times of Malta*[6] u rriproduċiet stqarrija dwar it-tieġ tat-tifla tagħha fejn qalet:

> *Reference is made to some media reports regarding the booking of and payment for the use of Citadella Gozo as a venue for our daughter's wedding in June 2024. I wish to state the following:*
>
> *- We followed the established procedure and made the booking via the online form on 7 September 2023. This booking facility was available for everybody.*
>
> *- In fact we are aware that two, if not three, other bookings for weddings were made, all prior to the publication of the Legal Notice covering the use of Cittadella for weddings against a fee. It is also evident that the Cittadella has been regularly used for innumerable events over several years, including weddings.*
>
> *- We paid the €5,000 fee via bank transfer promptly upon receipt of the request for payment.*
>
> *- Both the booking form and the banking transaction are official records.*
>
> *Any assertions and claims that we did not make a booking and did not pay the fee for the use of Cittadella as a wedding venue are completely false. Furthermore, we followed the procedure available to any interested parties.*

15. Fit-8 t'Awwissu is-Sur John Borg wieġeb permezz ta' email flimkien ma' liema annetta ittra mingħajr data (kopja tal-ittra annessa bħala **Dokument Ċ**). F'din l-ittra s-Sur Borg indika s-sit elettroniku fejn tinsab il-formola għall-applikazzjonijiet għall-użu ta' spazji pubbliċi, li jinkludi l-Foss taċ-Ċittadella. Qal li t-termini u kundizzjonijiet għall-użu ta' dawn l-ispazji huma aċċessibbli mill-istess ħolqa. Fir-rigward tad-data minn meta dawn saru aċċessibbli, is-Sur Borg qal li s-sistema online kienet ilha fis-seħħ minn Lulju tal-2019.

16. B'riferenza għall-applikazzjoni speċifika sottomessa għat-tieġ suġġett tal-ilment, is-Sur Borg qal li l-applikazzjoni għal dan ir-riċeviment ġiet sottomessa

[6] Ir-rapport huwa aċċessibbli minn https://timesofmalta.com/article/cittadella-wedding-held-day-legal-notice-authorising-events.1096020.

fis-7 ta' Settembru 2023, u li peress li l-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar kien qed jirċievi diversi talbiet biex isiru riċevimenti tat-tiġijiet, kien inħass il-bżonn li tinżamm miżata, u għalhekk kienet neċessarja li tinħoloq liġi għal dan l-iskop. Qal li l-ħlas għal dan ir-riċeviment sar fil-25 ta' Ġunju 2024 u pprovda kopja tal-applikazzjoni (annessa bħala **Dokument Ċ1**) u l-irċevuta maħruġa fis-26 ta' Ġunju 2024 għall-ammont ta' €5000 (annessa bħala **Dokument Ċ2**).

17. Fit-28 t'Awwissu 2024 wieġeb il-Ministru Bonnici permezz ta' ittra (annessa bħala **Dokument D**) fejn qal illi l-uffiċċju tiegħu kien ġie mitlub jassisti l-Ministeru għal Għawdex biex tal-użu taċ-Ċittadella jiġi regolat aħjar, dan għaliex l-istess Ministeru xtaq jimponi miżata għall-użu tal-Foss taċ-Ċittadella għat-tiġijiet.

18. Il-Ministru Bonnici spjega illi s-sit taċ-Ċittadella minn dejjem kienet amministrata u mantnuta mill-Ministeru għal Għawdex, però li hu bħala l-Ministru responsabbli għall-wirt għandu s-setgħa, skont l-artiklu 72 tal-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali (il-kapitolu 445 tal-liġijiet ta' Malta), li fost affarijiet oħrajn, jagħmel regolamenti li jirrigwardaw drittijiet jew ħlasijiet in konnessjoni mal-Kap. 445. Qal li kienet talba min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex li wasslet għall-ħruġ min-naħa tiegħu ta' dawn ir-regolamenti, dan ukoll wara li kiseb l-awtorizzazzjoni tal-Kabinett.

19. Il-Ministru iddikjara li ma jistax jgħid x'kienet il-proċedura segwita għall-użu taċ-Ċittadella għall-attivitajiet qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, u lanqas m'għandu informazzjoni dwar l-individwi li applikaw taħt ir-regolamenti ġodda li ġew introdotti fl-2024.

20. Fit-18 ta' Frar 2025, xehdet is-Sa. Joyce Dimech (traskrizzjoni tal-laqgħa annessa bħala **Dokument E**). F'din il-laqgħa, is-Sa. Dimech ippreżentat diversi dokumenti, inkluż:

i. screenshot ta' app tal-bank fejn jidher transazzjoni minn kont bankarju fl-ammont ta' €5000 deskritt bħala "Rent of Citadella Ditch for Larissa and Josef Wedding 16 June 2024", liema transazzjoni saret fil-25 ta' Ġunju 2024;

ii. numru ta' ritratti li ttieħdu minn diversi posts fuq is-sit tal-midja soċjali Facebook li juru avvenimenti li saru fil-Foss taċ-Ċittadella u li mhumiex qegħdin jiġu annessi ma' dan ir-rapport;

iii. ritratti oħrajn li ntbagħtu lis-Segretarju Permanenti mill-Uffiċċju għall-Amministrazzjoni taċ-Ċittadella fil-Ministeru għal Għawdex, li juru li saret ikla formali fil-Foss taċ-Ċittadella fl-okkażoni tal-presidenza ta' Malta tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tal fl-2017, li mhumiex qegħdin jiġu annessi ma' dan ir-rapport.

21. Is-Sa. Dimech bdiet billi spjegat illi kienet hi li bbukkjat l-użu tal-Foss taċ-Ċittadella permezz ta' booking form onlajn. Spjegat illi avvenimenti oħrajn kienu saru fil-Foss qabel ma sar ir-riċeviment tat-tieġ tat-tifla tagħha, però li dawn kienu saru mingħajr ħlas, filwaqt li hi ħallset €5,000. Qalet li wara t-tieġ tat-tifla tagħha, saru avvenimenti oħrajn kumparabbli, li wkoll kellhom catering u entertainment, daqslikieku kienu tiġijiet, u li kienet taf bi tliet bookings oħra għal tiġijiet fl-istess perjodu.

22. Is-Sa. Dimech qalet li meta bbukkjat l-użu tal-Foss, intbagħtulha l-kundizzjonijiet rilevanti, fosthom li kellha tapplika mal-ERA u taċċerta li ċerti regolamenti jiġu osservati fl-użu tas-sit. Meta talbet kopja tal-kuntratt, u l-avviż legali rilevanti mingħand il-Ministeru għal Għawdex, dawn ma ġewx provduti lilha. Qalet li kienet kellmet lis-Segretarju Permanenti s-Sur John Borg u spjegatlu li kien hemm bżonn liġi sussidjarja biex tiġi applikata miżata. Kompliet u spjegat:

> *Biex isir tieġ, in any public place, m'għandekx bżonn legal notice per se, b'xejn tista' tagħmlu, kull ma trid one time event permit li joħroġ mill-pulizija u jekk ikun a site li hija Natura 2000 site, joħroġ permess mill-ERA. U no objection tal-Kunsill Lokali, jew il-Lands jekk ikun l-owner il-Lands u mhux devolved.*
>
> [...] *li kieku jiena ridt napprofitta mill-kariga tiegħi, kont nagħmel one time event application, ma nħallas xejn, inħallas xi mitt ewro eh u nagħmel garanzija, fee tal-garanzija għall-bank just in case nagħmel il-ħsara, u niġborhom lura wara. Iġifieri jien, I stand here u jista' jiġi kulħadd, it-trouble li nqalagħli, għaliex ridt l-affarijiet kif suppost, ħa ngħidlek I can understand għalfejn kulħadd is discouraged li jagħmel l-affarijiet sew, għax ma nafx, kieku għamilt il-ħażin x'kien ħa jiġri.*[7]

[7] Ara linji 93 – 96 u 100 – 106 ta' Dokument E.

23. Skont is-Sa. Dimech ukoll, kien hemm inċertezza da parti tal-Ministeru għal Għawdex fir-rigward tal-proċedura li suppost segwew biex tiġi mposta miżata għall-użu tal-Foss:

> *Le għax dawn ħasbu li jistgħu jagħmlu bħal Heritage Malta u jikru ċertu venues hmm mingħajr legal notice, meta Heritage Malta għandha a commercial arm għal dak l-iskop fhimt? U ma toħroġx legal notices għal din il-limited liability company li għandha commercial arm. Imma public funds? Ħa jidħlu fil-*[Fond] *Konsolidat? You cannot levy fees of any sort, mhux skont il-liġi, and I asked them, għidtilhom ħa ngħidlek I quote, għidtilhom "għamlu legal notice u tqallgħunix xi xebgħa gazzetta" u qlajtha xorta. Dik l-ironija.*[8]

24. Fir-rigward tal-applikazzjoni għar-riċeviment tat-tieġ tat-tifla tagħha, is-Sa. Dimech qalet li ssottomettietha f'Settembru tas-sena ta' qabel it-tieġ. Qalet li hi ġiet infurmata li tiġijiet kienu ser jibdew jiġu permessi li jsiru fil-Foss taħt ċerti kundizzjonijiet, bħalma jsiru f'siti amministrati minn Heritage Malta. Mistoqsija jekk kinitx irċeviet xi konferma tal-applikazzjoni bl-email, is-Sa. Dimech wieġbet fl-affermattiv u qalet:

> [...] *iva ehe, imma ituhomlok huma l-emails, huma ikkonfermawli, jiġifieri m'għandix qiegħda hawnhekk, ma pprintjajtux* [...] *il-booking huwa online u jiena rċevejt formola, b'email b'link għall-conditions tat-tieġ.* [9]

25. Mistoqsija biex tipprovdi l-korrispondenza kollha li kellha mal-Ministeru għal Għawdex, is-Sa. Dimech qalet li ma kellhiex korrispondenza għax kienet iċċempel lis-Sur Borg. Ġiet mitluba ukoll tipprovdi kwalunkwe korrispondenza fil-pussess tagħha rigward il-booking tal-Foss.

26. Is-Sa. Dimech għamlet riferenza wkoll għall-proċedura li ġiet segwita fir-rigward tal-ħruġ tar-regolamenti suġġett tal-ilment. Qalet li peress li m'hemmx liġi li tippermetti lill-Ministru għal Għawdex joħroġ regolamenti għall-miżati, ġiet mistoqsija mill-Ministeru għal Għawdex x'kienet tagħmel hi meta kienet Segretarju Permanenti għal Għawdex. Qalet li billi l-Awtorità tal-Ippjanar kienet taqa' taħt il-Ministeru għal Għawdex, potenzjalment setgħu jinħarġu regolamenti taħt il-liġi tal-ippjanar, iżda f'dan il-każ, ir-regolamenti nħarġu mill-

[8] Ara linji 163 – 165 ta' Dokument E.

[9] Ara linji 163 – 165 ta' Dokument E.

Ministru Bonnici fuq parir legali għaliex kien iktar rilevanti l-qasam tal-wirt milli tal-ambjent f'dan il-każ.

27. Mistoqsija dwar id-data tat-transazzjoni tal-ħlas tal-miżata, is-Sa. Dimech ikkonfermat li dan sar fil-25 ta' Ġunju għaliex min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex lanqas ma kellhom proċedura ċara biex isir il-ħlas. Qalet:

> [...] *dawn lanqas kienu jafu kif se jagħmlu l-claim biex tħallas* [...] *Iġifieri jien ċempiltilhom, għidtilhom tridu tagħtuni biex nagħmel, għidtilhom mhux ser inħallas cheque u mhux ser inħallas cash. Għidtilhom jiena ħa nħallas online, għidtilhom ibagħtuli kif se nħallas u bagħtuli claim bl-IBAN, alright? U ftit wara ħallast, iġifieri.*[10]

28. Fil-25 ta' Frar 2025, is-Sa. Dimech bagħtet email lil dan l-Uffiċċju (annessa bħala **Dokument F**) flimkien ma' liema annettiet it-termini u kundizzjonijiet għall-użu tal-Foss, kif ukoll screenshots ta' messaġġi mill-app Whatsapp. Dawn mhumiex qegħdin jiġu riprodotti ma' dan ir-rapport sabiex ma jirrenduhx voluminuż iżżejjed, iżda sommarju tal-messaġġi qed jingħata taħt.

29. Fl-email tagħha s-Sa. Dimech spjegat illi filwaqt illi fil-laqgħa tal-18 ta' Frar kienet għamlet riferenza għal email li qalet li kienet irċeviet mingħand id-Direttorat tal-Kultura fil-Ministeru għal Għawdex, permezz ta' liema rċeviet il-kundizzjonijiet biex isir tieġ fiċ-Ċittadella, fil-fatt kienet irċeviethom permezz ta' messaġġ fuq Whatsapp. Ma setgħetx tipprovdi kopji ta' dawn il-messaġġi, li qalet li x'aktarx tħassru għaliex kienu messaġġi b'setting speċifiku li jitħassru wara ċertu żmien.

30. L-iscreenshots tal-Whatsapp ippreżentati minnha juru messaġġi mibgħuta bejn il-15 u s-16 t'April 2024 mis-Sa. Dimech u t-tifla tagħha. Minn dawn l-iscreenshots jidher illi s-Sa. Dimech bagħtet:

i. it-termini u kundizzjonijiet għall-użu tal-Foss taċ-Ċittadella fil-format ta' Word Document;

ii. dokument ieħor fil-format ta' PDF bit-titlu "Wedding Area";

iii. messaġġi li jgħidu "*Dawn għadhom ma ġewx published*" u "*Naturalment jiġu published wara li tkun harget il-Legal Notice*".

---

[10] Ara linji 215, 217 – 219 ta' Dokument E.

31. Dawn kollha jidhru bħala messaġġi li ġew ifforwardjati mis-Sa. Dimech, li jindika li nkitbu minn ħaddieħor u hi kemm bagħtithom kif irċeviethom.

32. Fil-11 t'April 2025, xehed is-Sur John Borg, dak iż-żmien Segretarju Permanenti għall-Ministeru għal Għawdex (traskrizzjoni tal-laqgħa annessa bħala **Dokument G**). F'din il-laqgħa, is-Sur Borg ippreżenta numru ta' dokumenti:

i. dokument miktub minn PricewaterhouseCoopers intitolat "*Ministry for Gozo: Update to the key financial indicators and review of additional revenue streams for the Cittadella Master Plan, including a high-level legal analysis of proposed tariff scheme"* datat il-11 ta' Mejju 2017. Dan id-dokument mhuwiex qed jiġi riprodott hawn sabiex ma jirrendix ir-rapport voluminuż iżżejjed;

ii. kopja ta' email mibgħuta mill-Assistent Direttur tad-Direttorat tal-Wirt Kulturali fil-Ministeru għal Għawdex lis-Sa. Joyce Dimech, datata d-29 ta' Settembru 2023 (annessa bħala **Dokument G1**). F'din l-email id-Direttorat jispega li filwaqt li l-applikazzjoni tas-Sa. Dimech ġiet sottomessa, minħabba proċess ta' konsultazzjoni li kien għaddej, ir-riżerva ma kinitx ikkonfermata;

iii. email oħra mingħand l-istess Assistent Direttur lis-Sa. Dimech datat is-16 t'April 2024 (annessa bħala **Dokument G2**) flimkien ma' dokument bil-kundizzjonijiet għall-użu ta' spazji pubbliċi, u pjan taċ-Ċittadella. F'din l-email id-Direttorat jikkonferma li saret laqgħa fiċ-Ċittadella mas-Sa. Dimech f'Marzu tal-2024 u li ġiet infurmata bil-permessi li kellha ġġib mingħand awtoritajiet oħra biex isir it-tieġ fil-Foss.

33. Peress li d-dokument miktub minn PwC fih ħafna dettall li mhuwiex rilevanti għal dan il-każ, dan l-Uffiċċju mhuwiex ser jippubblikah bħala parti minn dan ir-rapport. Madanakollu, jidher mid-dokument li l-Ministeru għal Għawdex kien ippropona tliet flussi ta' dħul potenzjali li mhumiex rilatati ma' avvenimenti jew il-kiri ta' spazji pubbliċi, kif ukoll li:

> *MGOZ have also identified complementary revenue streams that will contribute to the Project's cash inflows irrespective of which suitable revenue option is selected. These other revenue streams are expected to comprise cash inflows generated from the letting of space for cultural activities, corporate events and the provision of ancillary services. It is*

> *envisaged that such activates* [sic] *will generate around €40,000 per annum exclusive of VAT in additional revenue streams.*[11]

34. Fix-xhieda tiegħu, is-Sur Borg beda billi spjega l-proċess li wassal għall-ħruġ tar-regolamenti. Qal illi l-proġett taċ-Ċittadella (li s-sottoskritt jifhem hija riferenza għar-restawr estensiv li sar) kien sar b'fondi tal-Unjoni Ewropea, u li filwaqt li avvenimenti oħrajn ġieli saru fil Foss taċ-Ċittadella, tiġijiet qatt ma kienu permessi, sakemm għaddew madwar ħames snin minn meta spiċċa l-proġett. Is-sottoskritt jifhem li matul dan il-perjodu ta' ħames snin ma setax jiġi ġenerat dħul miċ-Ċittadella, għaliex inkella l-Gvern seta' jiġi obbligat jirrifondi proporzjon tal-fondi tal-Unjoni Ewropea li kienu ntefqu fuq ir-restawr.

35. Is-Sur Borg qal:

> [...] *talbiet għal eh tiġien, bdew ġejjin qisu mit-2022, bdew iżidu t-talbiet, u hawnhekk kienu għaddew il-5 snin tal-EU, sadanittant imma aħna konna, ara per eżempju hawnhekk kellna talbiet hmm 2016 hmm imma kien civil wedding it's ok, 2017 reġa' civil wedding ieħor, imma imbagħad Mejju 17, eżatt wara li sar il-proġett taċ-Ċittadella, aħna konna għamilna update tal-masterplan taċ-Ċittadella u konna hemmhekk, konna biddilna illi jistgħu isiru attivitajiet mela dħul ta' flus, jew dħul biex tidħol iċ-Ċittadella Visitor Centre, li tħallas biljett in conjunction ma' Heritage Malta biex tidħol, inkella konna għedna jistgħu jsiru attivitajiet li kienu revenue-generating sa' 40 elf fis-ena jista' jdaħħal il-gvern minnhom, u hawn ma kinux speċifikati x'inhuma imma jistgħu jkunu ikliet, tiġien, mela dawn diġà konna apdejtjajna r-revenue streams taħna illi jista' jkun hmm li jkollok xi tieġ biss bqajna dejjem nirrifjutawhom għax dejjem bdejna hawnhekka għax kienu għadhom m'għaddewx il-5 years.*[12]

36. Qal li fl-istess perjodu li applikat is-Sa. Dimech, il-Ministeru għal Għawdex kien irċieva talbiet oħrajn biex isiru riċevimenti tat-tiġijiet. Spjega d-diversi approvazzjonijiet u proċeduri li kellhom jiġu osservati, inkluż li tingħata l-approvazzjoni tal-iState Aid Monitoring Board, tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (l-ERA) kif ukoll id-diskussjonijiet li saru bejn l-uffiċċji legali tal-ministeri involuti. Qal illi l-Ministru Bonnici bħala l-ministru responsabbli għall-kultura u

---

[11] Paġna 12 tar-rapport intitolat *"Ministry for Gozo: Update to the key financial indicators and review of additional revenue streams for the Cittadella Master Plan, including a high-level legal analysis of proposed tariff scheme"* (mhux anness).

[12] Ara paġna 2 ta' Dokument G.

l-Ministru Clint Camilleri bħala l-ministru responsabbli għal Għawdex iffirmaw memorandum li ġie preżentat lill-Kabinett fil-bidu ta' Ġunju 2024 u li dan kien ġie approvat. Ma speċifikax meta ngħatat l-approvazzjoni tal-Kabinett.

37. Fir-rigward ta' avvenimenti li kienu saru fil-Foss qabel ma daħlu fis-seħħ ir-regolamenti, is-Sur Borg qal li tiġijiet ċivili kienu jsiru biss, mingħajr ikel, u mingħajr il-ħlas ta' dritt. Ikkonferma li matul iż-żmien, saru ikliet oħrajn b'mod limitat, però li dawn ma kinux tiġijiet. Għal dawn l-avvenimenti, is-Sur Borg qal li jidhirlu li tħallsu donazzjoniijet, li kienu inqas mill-ammont ta' €5,000.

38. Ma setax jirrispondi għal domandi speċifiċi dwar il-format jew dettalji inklużi fil-formola għall-applikazzjoni għall-użu tal-Foss u qal li din kienet xogħol id-Direttorat tal-Kultura fl-ministeru tiegħu, u li l-involviment tiegħu kien limitat għal meta ttieħdet id-deċiżjoni dwar l-ammont tal-miżata. Inġibdet l-attenzjoni tas-Sur Borg għall-fatt li fil-prattika, il-formola tippermetti biss applikazzjonijiet għal ċerimonji taż-żwieġ, u mhux għar-riċevimenti tat-tiġijiet.

39. Wara l-laqgħa mas-Sur Borg is-sottoskritt innota d-dokumenti preżentati minnu, fosthom korrispondenza mingħand il-Ministeru għal Għawdex lis-Sa. Dimech, liema dokumenti ma ġewx ippreżentati mis-Sa. Dimech stess fil-laqgħa tagħha mas-sottoskritt minkejja t-talba ta' dan l-Uffiċċju li tippreżenta il-korrispondenza kollha li kellha dwar dan is-suġġett.

40. Għalhekk, fis-27 t'Awwissu 2025, dan l-Uffiċċju reġa' kiteb lis-Sa. Dimech u talabha tipprovdi kopji tad-dokumentazzjoni kollha fil-pussess tagħha rigward is-suġġett tal-ilment, kif diġà mitlub fit-taħrika maħruġa minn dan l-Uffiċċju f'Jannar, kif ukoll waqt il-laqgħa tat-18 ta' Frar. Intalbet ukoll tispjega għalfejn ma pprovdietx id-dokumenti kollha mitluba.

41. Fis-16 ta' Settembru 2025, is-Sa. Dimech wieġbet permezz ta' email (annessa bħala **Dokument H**) flimkien ma' liema annettiet dokumentazzjoni li qalet li tkopri l-korrispondenza kollha li rċeviet. Sostniet illi ma kellha l-ebda intenzjoni li ma tippreżentax il-korrispondenza kollha fil-pussess tagħha. Talbet ukoll kopja tat-traskrizzjoni tal-laqgħa tagħha ma' dan l-Uffiċċju. Id-dokumenti preżentati minnha kienu:

i. email mingħand l-Uffiċċju għall-Amministrazzjoni taċ-Ċittadella fejn intbagħtet ritratti ta' ikla organizzata in konnessjoni mal-presidenza ta' Malta tal-Kunsill tal-Ewropa, datata t-13 ta' Marzu;

ii. l-istess email ippreżentata mis-Sur Borg datata s-16 ta’ April 2024 (ara l-paragrafu 32(iii));

iii. l-istess email ippreżentata mis-Sur Borg datata d-29 ta’ Settembru 2023 (ara paragrafu 32(ii));

iv. email mingħand l-Assistent Direttur fid-Direttorat għall-Wirt Kulturali fil-Ministeru għal Għawdex lis-Sa. Dimech datata d-19 ta’ Ġunju 2024 fejn jibgħat it-talba għall-ħlas għar-riċeviment (annessa bħala **Dokument H1**).

42. Dawk l-emails li diġà ġew preżentati mis-Sur Borg mhumiex qegħdin jiġu riprodotti.

43. Fit-18 ta’ Settembru, dan l-Uffiċċju pprovda s-Sa. Dimech b’kopja tat-traskrizzjoni tal-laqgħa tagħha tat-18 ta’ Frar 2025, u indikalha b’mod partikolari l-paġna 7 tal-istess dokument.

44. Fl-10 ta’ Ottubru 2025, is-sottoskritt reġa’ kiteb lill-Ministru Bonnici, dan sabiex itih aċċess għall-provi kollha u l-opportunità li jagħmel sottomissjonijiet ulterjuri.

45. Fl-24 ta’ Ottubru 2025 wieġeb il-Ministru Bonnici permezz ta’ email (annessa bhala **Dokument I**), fejn qal li ma kellux x’iżid mas-sottomissjonijiet tiegħu ta’ Awwissu 2024.

**Konsiderazzjonijiet**

46. Dan l-Uffiċċju huwa rinfaċċat b’żewġ narrattivi konfliġġenti ta’ kif ir-regolamenti in kwistjoni ġew introdotti. Min-naħa waħda, is-Segretarju Permanenti Joyce Dimech tgħid illi kienet hi li ndunat b’lacuna fil-liġi meta ġiet biex tħallas l-ammont ta’ €5,000 mitlub mill-Ministeru għal Għawdex għar-riżerva tal-Foss taċ-Ċittadella għall-avveniment tal-familja tagħha.

47. A kuntrarju ta’ dan, is-Sur John Borg xehed li l-introduzzjoni ta’ sistema permezz ta’ liema ċ-Ċittadella b’xi mod tibda tiġġenera l-flus kienet ilha maħsuba, għalkemm ir-rapport tal-PwC preżentat minnu ma jindikax li riċevimenti tat-tiġijiet kienu maħsuba per se. Skont hu, din il-liġi speċifika nħarġet f’dan il-perjodu minħabba d-diversi talbiet li l-Ministeru għal Għawdex irċieva fl-istess żmien biex isiru riċevimenti tat-tiġijiet fil-Foss taċ-Ċittadella. Minn dawn, jirriżulta li r-riċeviment tat-tifla tas-Sa. Dimech kien l-ewwel

wieħed li sar fil-Foss. It-tiġijiet oħra msemmija mis-Sur Borg fix-xhieda tiegħu kienu ser isiru fl-2025.

48. Is-sottoskritt m'għandux dubju li s-Sa. Dimech riedet taċċerta li din il-liġi kienet se toħroġ qabel id-data tar-riċeviment tat-tieġ tat-tifla tagħha, anke sabiex, fil-kliem tagħha stess, ma taqlax "*xi xebgħa gazzetta*". Skont in-narrattiva tagħha, il-fatt li f'dan il-każ inħarġet liġi speċifika biex tirregola r-riżerva ta' sit pubbliku donnha kienet konsegwenza anċillari minħabba li kien ser isir avveniment tal-familja tagħha, u ma kinitx intenzjonata min-naħa tal-Gvern.

49. Madankollu, skont il-provi kollha preżentati, jidher li s-Sa. Dimech ma bbenifikatx minn rata preferenzjali u ħallset l-ammont ta' €5,000 biex sar ir-riċeviment tat-tieġ, kif mitlub mir-regolamenti. Dan il-ħlas jimmitiga l-fatt li, skont kif qalet hi stess, kienet involuta f'diskussjonijiet dwar ir-regolamenti meta kellha interess personali fihom. Jidher mill-provi wkoll illi ssottomettiet l-applikazzjoni għall-użu tal-Foss f'Settembru tal-2023, għalkemm dik il-formola għamlet riferenza għal ċerimonja tat-tieġ biss, u mhux għal riċeviment ukoll.

50. Skont in-narrattiva tas-Sur Borg, kien hemm almenu tliet persuni oħra, apparti s-Sa. Dimech, li applikaw biex jagħmlu riċeviment ta' tieġ fil-Foss qabel ma ħarġu r-regolamenti relevanti,[13] jiġifieri skont hu r-regolamenti ma sarux speċifikament biex jakkomodaw lis-Sa. Dimech. Biss, is-Sa. Dimech kienet qed tikkomunika mal-Ministeru għal Għawdex, tirċievi l-kundizzjonijiet għall-użu tal-Foss u tattendi laqgħat fuq il-post, meta ħaddieħor, skont ix-xhieda tas-Sur Borg, kien għadu kemm issottometta l-applikazzjoni tiegħu. Korrispondenza bejn il-Ministeru u s-Sa. Dimech tikkonferma li t-tieġ tat-tifla tagħha kien l-ewwel wieħed li sar fil-Foss.[14]

51. Għalhekk, mill-provi taż-żewġ xhieda, is-sottoskritt jidhirlu illi s-Segretarju Permanenti Dimech kellha interess fl-introduzzjoni tar-regolamenti, għaliex riedet tiżgura li r-riċeviment tal-familja tagħha seta' jsir mingħajr kontroversja. Dwar dan is-sottoskritt iħalli għall-ġudizzju ta' ħaddieħor.

52. Is-sottoskritt jinnota li l-proċedura segwita fl-abbozzar, ħruġ u implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti tidher li kienet xi ftit mgħaġġla u

---

[13] Ara paġni 3 u 4 ta' Dokument G.

[14] Ara Dokument H1.

traskurata. Per eżempju, il-fatt li l-liġi stess tgħid li l-formola għall-applikazzjoni għar-riżerva tal-Foss tinsab fuq sit elettroniku tad-Direttorat tal-Kultura, meta fil-fatt tinsab fuq sit elettroniku differenti (is-sit tal-Ministeru għal Għawdex), juri li kien hemm ċertu nuqqas ta' attenzjoni fl-abbozzar tal-liġi. Barra minn dan, skont ix-xhieda tas-Sa. Dimech jidher li ma kienx hemm sistema maħsuba biex isiru l-ħlasijiet tal-miżata, li ukoll jindika li kien hemm ċertu nuqqas ta' ppjanar fl-implimentazzjoni ta' din il-liġi. Madankollu hija l-opinjoni tiegħi li dawn in-nuqqasijiet ma jistgħux jiġu imputati lill-Ministru Bonnici.

53. Mill-provi kollha preżentati, is-sottoskritt jidhirlu li l-involviment tal-Ministru Bonnici kien limitat għal dak li wieħed raġonevolment jista' jistenna minn ministru fiċ-ċirkostanzi. Wieħed jifhem li jekk inġibdet l-attenzjoni tal-Ministru Bonnici għal xi nuqqas fil-liġi li tagħha kien responsabbli hu, ma kellux għażla ħlief li jaċċerta ruħu li dak in-nuqqas jitranġa, f'dan il-każ, bil-ħruġ ta' avviż legali.

**Konklużjonijiet**

54. Għaldaqstant, għar-raġunijiet mogħtija fuq, is-sottoskritt jiddikjara li l-ma sab ebda ksur ta' etika da parti tal-Ministru Owen Bonnici, u jiddikjara l-każ magħluq.

55. Kopji ta' dan ir-rapport qed jintbagħtu lill-Ilmentatur, lill-Ministru Owen Bonnici, u lill-Kumitat tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Kopja se titqiegħed ukoll fuq il-website ta' dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email datata d-29 ta' Lulju 2024 mingħand is-Sur Matthew Agius għan-nom ta' "Team Arnold Cassola". |
| Dokument B | Email datata l-1 t'Awwissu 2024 mingħand is-Sa. Joyce Dimech. |
| Dokument Ċ | Ittra mingħajr data li ntbagħtet flimkien ma' email fit-8 t'Awwissu mingħand is-Sur John Borg. |
| Dokument Ċ1 | Kopja ta' applikazzjoni għall-użu tal-Foss taċ-Ċittadella sottomessa mis-Sa. Joyce Dimech. |
| Dokument Ċ2 | Irċevuta maħruġa fis-26 ta' Ġunju 2024 għall-ammont ta' €5000. |
| Dokument D | Ittra datata t-28 t'Awwissu 2024 mingħand il-Ministru Owen Bonnici. |
| Dokument E | Traskrizzjoni ta' laqgħa li saret fit-18 ta' Frar 2025 mas-Sa. Joyce Dimech. |
| Dokument F | Email datata l-25 ta' Frar 2025 mingħand is-Sa. Joyce Dimech. |
| Dokument G | Traskrizzjoni ta' laqgħa li saret fil-11 t'April 2025 mas-Sur John Borg. |
| Dokument G1 | Kopja ta' email mibgħuta fid-29 ta' Settembru 2023 mill-Assistent Direttur fid-Direttorat għall-Wirt Kulturali fil-Ministeru għal Għawdex lis-Sa. Dimech. |
| Dokument G2 | Kopja ta' email mibgħuta fis-16 t'April 2024 mill-istess Assistent Direttur lis-Sa. Dimech. |
| Dokument H | Email datata s-16 ta' Settembru 2025 mingħand is-Sa. Joyce Dimech. |
| Dokument H1 | Email mibgħuta fid-19 ta' Ġunju 2024 mill-Assistent Direttur fid-Direttorat għall-Wirt Kulturali fil-Ministeru għal Għawdex lis-Sa. Dimech. |
| Dokument I | Email datata l-24 t'Ottubru 2024 mingħand il-Ministru Owen Bonnici. |

**From:** Arnold Cassola
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Ilment dwar ksur ta" etika mill-Ministru responsabbli għall-patrimonju kulturali Hon. Owen Bonnici
**Date:** 29 July 2024 12:35:03
**Attachments:** TheShiftNews-20240727.pdf
LN135.pdf

---

11, Triq San Pawl
Valletta VLT 1210
Malta
Email: charles.polidano@standardscommissioner.com

29 ta’ Lulju 2024

Direttur Ġenerali Charles Polidano

**Ilment dwar ksur ta' etika mill-Ministru responsabbli għall-patrimonju kulturali Hon. Owen Bonnici**

Qed nikteb biex nirrappurtalek każ li jinvolvi tibdil sinifikanti u f’daqqa fil-liġi dwar l-użu ta’ sit storiku għal avvenimenti privati, speċifikament għat-tieġijiet.

https://theshiftnews.com/2024/07/27/law-changed-for-wedding-of-permanent-secretarys-daughter-at-cittadella/

U tirrigwardja Att Legali 135 https://legislation.mt/eli/ln/2024/135

Din il-bidla fil-liġi u r-regolamenti tqajjem tħassib dwar l-abbuż u l-konflitti ta’ interess li saru minn ministru tal-gvern taħt ċirkostanzi li jeħtieġu investigazzjoni. Fosthom:

L-att legali inħareġ biss ġurnata qabel ma sar it-tieġ tal-familja tas-Segretarju Permanenti tal-Ministru, u għalhekk il-familja tagħha bbenefikat direttament minn din il-bidla fir-regolamenti.

Inżid li The Shift News irrappurtaw kif, jekk wieħed kellu jimxi mar-regoli ta’ din il-liġi stess, it-talba biex wieħed jagħmel użu minn dan il-foss kellha tiġi sottomessa erba’ (4) ġimgħat qabel:

> “Formola ta’ riżerva għandha tiġi sottomessa fi żmien erba’ (4) ġimgħat qabel id-data indikata fl-istess formola.”

Is-sit storiku inkwistjoni ilu protett taħt regolamenti li jipprojbixxu l-użu tiegħu għal avvenimenti privati, biex tiġi żgurata l-preservazzjoni tiegħu u tiġi salvagwardjata l-aċċessibbiltà pubblika. In-natura f’daqqa ta’ din il-modifika legali tmar għal kollox kontra dawn il-protezzjonijiet u tissuġġerixxi użu inapproprjat tal-poter leġislattiv għal interess personali jew privat.

Il-punti ewlenin li jeħtieġu l-eżami tagħkom jinkludu:

- **Il-Ħin tal-Avviż Legali:** L-avviż ġie ppubblikat ġurnata biss qabel iż-żwieġ, li jissuġġerixxi nuqqas ta' trasparenza u proċess dovut fit-tibdil tal-liġi.
- **Involviment tal-Ministru:** Il-ministru responsabbli għal din il-bidla legali għandu jiġi skrutinizzat biex jiġi determinat jekk kienx hemm xi interess personali biex jiġi ffaċilitat iż-żwieġ f'dan is-sit storiku.
- **Ksur tar-Regoli miktuba fl-Att:** Jekk inkisrux ir-regoli stess ta' dan l-att legali rigward li l-formoli rispettivi jiġu sottomessi 4 ġimgħat qabel l-attività.
- **Impatt fuq is-Sit Storiku:** Il-konsegwenzi ta' din id-deċiżjoni fuq l-integrità tas-sit storiku u l-aċċessibbiltà pubblika tiegħu jeħtieġu li jiġu evalwati, biex jiġi żgurat li azzjonijiet bħal dawn ma jistabilixxux preċedent għall-użu ħażin fil-futur.
- **Għaliex Tieġijiet Biss?:** L-att jsemmi speċifikament li l-post jista' jintuża għal użu ta' TIġijiet. Kif ittieħdet din id-deċiżjoni u għaliex TIġijiet biss?
- **Fiduċja Pubblika u Governanza:** Il-mod kif din il-liġi ġiet mibdula jqajjem mistoqsijiet dwar il-governanza u l-potenzjal għal abbuż ta' poter, li jista' jdgħajjef il-fiduċja pubblika fis-sistemi legali u politiċi tagħna.

Nitlob lill-Kummissjoni għall-Istandards biex iwettaq investigazzjoni komprensiva dwar dan il-każ. Huwa essenzjali li nżommu l-prinċipji ta' trasparenza, ġustizzja u integrità fis-sistema legali tagħna u niżguraw li l-uffiċjali pubbliċi jinżammu responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom.

Grazzi tal-kunsiderazzjoni u l-ħidma tiegħek.

Nistenna b'ħerqa r-rizultat tal-investigazzjoni.

Sinċerament,

Matthew Agius
f'isem Team Arnold Cassola

Mehmuż hawn kopja tal-artikli in kwistjoni

**From:** Dimech Joyce at MHSE
**To:** Office
**Subject:** Statement following reports in certain media where I am mentioned
**Date:** Thursday, 1 August 2024 16:54:44

---

Commissioner for Standards in Public Life

Having regard for the remit of your office, and with reference to the article https://timesofmalta.com/article/cittadella-wedding-held-day-legal-notice-authorising-events.1096020 I am forwarding the subjoined statement for the establishment of the facts of the case where I am mentioned.  These details are also reproduced in my Facebook post of earlier this week.

Thank you and best regards

*Statement*

Reference is made to some media reports regarding the booking of and payment for the use of Citadella Gozo as a venue for our daughter's wedding in June 2024.  I wish to state the following:

- We followed the established procedure and made the booking via the online form on 7 September 2023. This booking facility was available for everybody.
- In fact we are aware that two, if not three, other bookings for weddings were made, all prior to the publication of the Legal Notice covering the use of Cittadella for weddings against a fee. It is also evident that the Cittadella has been regularly used for innumerable events over several years, including weddings.
- We paid the €5,000 fee via bank transfer promptly upon receipt of the request for payment.
- Both the booking form and the banking transaction are official records.

Any assertions and claims that we did not make a booking and did not pay the fee for the use of Cittadella as a wedding venue are completely false.  Furthermore, we followed the procedure available to any interested parties.

Joyce Dimech
Permanent Secretary
Office of the Permanent Secretary

**t** +356 25689200  **e** joyce.dimech@gov.mt
www.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS,
SECURITY AND EMPLOYMENT

35, 36, 37, OLD BAKERY STREET,
VALLETTA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

Dokument Ċ

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦAL GĦAWDEX
U L-IPPJANAR

Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex

ta' Awwissu 2024

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl
Valletta VLT 1210

**Każ K/066 – talba għal evidenza skont**

**l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika**

B'riferenza għall-ittra tiegħek tat-30 ta' Lulju 2024, qiegħed nibgħat dawn it-tweġibiet u l-informazzjoni għall-erba' mistoqsijiet tiegħek:

(a) Il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar għandu formola aċċessibbli online sabiex kull min jixtieq jirriserva Spazji Pubbliċi li jaqgħu taħtu, inkluż il-foss taċ-Ċittadella, għal xi attività, ikun jista' jagħmel dan minn din il-ħolqa: https://mgozservices.gov.mt/myGozo/frontEnd/. It-termini u kundizzjonijiet għall-użu tal-iSpazji Pubbliċi huma wkoll aċċessibbli online mill-istess ħolqa.

(b) Is-sistema online kif inhi llum ilha sa minn Lulju tal-2019.

(c) Iva. L-applikazzjoni inkwistjoni ġiet sottomessa online fis-7 ta' Settembru 2023, ċjoe aktar minn disa' xhur qabel id-data tat-tieġ. Ġara li peress li l-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar kien qed jirċievi diversi talbiet għal riċevimenti ta' tiġijiet, fil-frattemp kien inħass il-bżonn li tibda tinżamm miżata għal dawn ir-riċevimenti, u għalhekk inħasset il-ħtieġa sabiex toħroġ liġi sussidjarja għal din it-tip ta' attivita'. Il-miżata tħallset fil-25 ta' Ġunju 2024.

(d) Mehmuż għandek issib l-applikazzjoni u l-irċevuta bħala prova li l-ħlas sar.

Inselli għalik,

J.B.

John Borg
Segretarju Permanenti

Dokument Ċ1

# Public Space Booking Details

## Event Details

| | |
|---|---|
| **Booking ID:** | 1767 |
| **Application Date:** | 07/09/2023 14:37 |
| **Public Space:** | Cittadella - Ditch |
| **Start Date/Time:** | 15/06/2024 06:00 |
| **End Date/Time:** | 16/06/2024 00:00 |
| **Event Type** | Wedding Ceremony |
| **Event Title** | Wedding of Larissa & Josef |
| **Event Description** | A wedding of two Gozitans |
| **Income generated by Event** | No |
| **Requested Logistical Support** | Technical Support, Electricity Supply, Opening of Public Toilets after office hours, Vehicle Access |
| **Declaration regarding submitted information:** | The applicant hereby declares that the information given in this form is true, complete and accurate. |
| **Declaration regarding Terms and Conditions:** | The applicant hereby declares that he/she accepts the terms and conditions. |

## Applicant Details

| | |
|---|---|
| **Name:** | JOYCE |
| **Surname:** | dimech |
| **Organisation:** | |
| **NGO Number:** | |
| **Contact Number:** | [redacted] |
| **Email:** | joyce.dimech@gov.mt |

## Attached Documents

| | |
|---|---|
| **Event artwork:** | |

## Request Administration

| | |
|---|---|
| **Status:** | Approved |

Dokument Ċ2

# Government of Malta

Treasury Department
Development House, Level 2,
St Anne Street
Floriana

**Date:** 26/06/2024 06:37

**Receipt No. :** 025LA002/252074887

**Received From:**

LOUIS DIMECH

VAT Registration No

| In Respect of: | | QTYx | Price (€) | Total (€) | VAT Code |
|---|---|---|---|---|---|
| Suspense(Unallocated Receipts) | | 1 | 5,000.00 | 5,000.00 | 0 |
| GOODS | 0.00 | | | | |
| VAT | 0.00 | | | | |
| Total : | | | | 5,000.00 | |
| **Payment Method :** DC - Public Acct | | | | 5,000.00 | |
| **Change :** | | | | 0.00 | |

**Cashier :** MICAD010

Doreen Micallef
Signature

**Validity of this receipt is subject to bank clearance, when the payment is made by cheque.**

GVERN TA' MALTA
MINISTRU GĦALL-WIRT NAZZJONALI,
L-ARTI U L-GVERN LOKALI

Illum it-28 t'Awwissu, 2024

Lill-Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Strada San Paolo
Valletta

Għażiż Sur Kummissarju,

Qiegħed nikteb b'risposta għall-ittra li l-uffiċju tiegħek bagħatli fit-3 ta' Lulju, 2024 (ara Każ K/066) dwar Regolamenti li nħarġu biex jippermettu tiġijiet fil-foss taċ-Ċittadella.

Fl-ittra l-uffiċju tiegħek talabni nagħti l-veduti tiegħi b'mod ġenerali dwar il-punti mqajma fl-ilment u b'mod partikolari nwieġeb dawn id-domandi:

(a) X'kienu l-konsiderazzjonijiet il wasslu għall-ħruġ tar-regolamenti in kwistjoni?

(b) Huwa minnu il fl-assenza ta' dawn ir-regolamenti ma setgħux isiru riċevimenti tat-tiġijiet fil-foss taċ-Ċittadella?

(c) X'kienet ir-raguni il dawn ir-regolamenti nħarġu mill-gvern ċentrali taħt l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali (il-kapitolu 445 tal-ligijiet ta' Malta), meta l-uzu ta' diversi siti ohra għal avvenimenti privati huwa regolat mil-kunsilli lokali permezz ta' bye-laws?

Irrid niddikjara s-segwenti:

1) L-uffiċju tiegħi kien ġie mitlub mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar biex jassisti sabiex jiġi regolarizzat aħjar l-użu taċ-Ċittadella għal attivitajiet, senjatament tiġien. Essenzjalment il-Ministeru għal Għawdex xtaq li tiġi imposta miżata meta persuni jitolbu li l-foss taċ-

Ċittadella jkun riżervat għalihom għal skop ta' organizzazzjoni ta' riċevimenti tat-tiġijiet u li din tiġi imposta b'vejikolu legali korrett;

2) Irrid nispjega li għalkemm iċ-Ċittadella hija sit ta' patrimonju kulturali, din dejjem ġiet amministrata u mantnuta mill-Ministeru għal Għawdex, anke in linea mal-politika tal-Gvern u l-prinċipju tas-sussidjarjeta' fejn tidħol il-gżira Għawdxija u anke għaliex kien il-Ministeru għal Għawdex li ħa ħsieb jirrestawraha għall-glorja li għandha llum wara snin kbar ta' telqa;

3) Taħt l-artiklu 72 tal-Kap 445 tal-Liġijiet ta' Malta jien bħala Ministru responsabbli għall-Wirt Nazzjonali għandi d-dritt li nagħmel regolamenti biex nagħti seħħ lil kull dispożizzjoni ta' l-Att, jew biex nirregola jew xort'oħra nipprovdi dwar kull ħaġa għar-rigward tal-attivitajiet li jaffettwaw il-proprjetà kulturali, u nista' b'mod partikolari, imma mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak imsemmi fl-Att, nagħmel regolamenti biex, fost oħrajn, jiġi stabbilit kull dritt u ħlas li jistgħu ikollhom jinġabru minn jew taħt, jew għas-servizzi mogħtija konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-Att;

4) Stante li ċ-Ċittadella hija sit ta' patrimonju kulturali imprezzabbli, Gvernijiet suċċessivi ġustament żammew ir-responsabbilita' ta' dan is-sit f'idejn il-Gvern Ċentrali u quindi ebda Kunsill Lokali naturalment ma għandu s-setgħa li joħroġ regolamenti li jirregolaw l-użu ta' dan is-sit permezz ta' bye-laws;

5) Jien dehrli li t-talba tal-kollegi Għawdxin kienet altru milli ġustifikata u pproċedejt biex nippubblika r-Regolamenti de quo wara d-debita awtorizzazzjoni mill-Kabinett, anke għaliex nemmen li pależament dan kien l-aħjar vejikolu legali.

6) Irrid ngħid li r-regolament kif ġew redeatti jgħidu b'mod espress li r-responsabbilita' tal-foss taċ-Ċittadella għandha tkun fir-responsabbilita' tal-Ministeru li jieħu ħsieb l-affarijiet għal Għawdex u dan biex nissoktaw ma' dak li kien isir qabel id-dħul fis-seħħ tar-

regolamenti, cioe' li ċ-Ċittadella tiġi mantnuta mill-Ministeru responsabbli mill-Affarijiet t'Għawdex;

7) Dwar il-proċedura li kienet tintuża għall-użu taċ-Ċittadella biex isiru attivitajiet qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti nitolbok tistaqsi lill-Ministeru għal Għawdex. Dwar in-nies li applikaw taħt ir-Regolamenti 135 tal-2024 nitolbok ukoll tistaqsi lill-Ministeru għal Għawdex għaliex dik l-informazzjoni jien ma jkollix;

8) Naturalment ir-Regolamenti 135 tal-2024 għandhom applikazzjoni ġenerali u kulħadd jista' jibbenefika minnhom suġġett li naturalment jobdi dak li hemm indikat fl-istess Regolamenti.

9) Irrid ngħid ukoll li hi l-intenzjoni tiegħi li eventwalment nirrediġi regolamenti simili fejn jidħlu organizzazzjoni ta' riċevimenti tat-Tiġijiet fil-Foss tal-Imdina (li hu maniġjat minn entita' li taqa' fil-Ministeru li tiegħu jien responsabbli) għax dehrli li dan kien pass fid-direzzjoni t-tajba.

10) Għal kull bwon fini irrid niddikjara li s-Segretarju Parlamentari tal-Ministeru li jien politikament responsabbli hu s-Sur Kevin Mahoney u ilu hekk issa għal numru ta' xhur qabel ma r-Regolamenti daħlu fis-seħħ.

Inselli ħafna għalik u ninsab dejjem għad-dispożiżżjoni tiegħek biex nagħtik kwalunkwe informazzjoni ulterjuri.

Nirringrazzjak,

Owen Bonnici
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

DOKUMENT E

# Traskrizzjoni tax-xhieda tas-Sa. Joyce Dimech

Każ: K/066

Data: 18 ta' Frar, 2025

Preżenti: Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika - JA
Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju - CP
Dr Sarah Pace Warrington, Senior Investigator fl-uffiċċju tal-Kummissarju - SPW

Ms Joyce Dimech - JD

---

JA: Hmm inti m'intix qed tiġi investigata sewwa, inti qiegħda hawnhekk bħala xhud għax aħna-

JD: Bħala vittma more like it.

JA: -Il-ġurisdizzjoni tagħna qiegħda fuq il-membri parlamentari prattikament.

JD: Yes, yes, yes.

JA: Insomma fuq, u fuq xi persons of trust imma mhux fil-każ tiegħek. Eh, eh ħa ntik il-ġurament sewwa –

JD: Ok.

JA: -U ħa tkun irrekordjata naturalment biex inkunu nistgħu nagħmlu transcription ta' dak li qed tgħid , jekk issib xi diffikultà f'xi mistoqsija-

JD: Le, ok, thank you.

JA: OK, mela aħlef li tgħid is-sewwa, is-sewwa kollu, u xejn inqas mis-sewwa, hekk Alla jgħinek.

Mela sinjura - nispera ma ħax għalih. Eh is-Sinjura Joyce Dimech imsejjħa mill-Kummissarju bil-ġurament tgħid.

Mela eh, tgħidilna naqra l-kariga tiegħek bħalissa jekk jogħġbok.

JD: Jiena Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Intern.

JA: Sewwa.

JD: Ministry for Home Affairs, Security and Employment.

JA: Issa, fil-mument ta' din, li nqalgħet din il-kwistjoni, inti kont diġà Segretarja aw, Permanenti f'dak il-Ministeru?

JD: Yes, yes

JA: Jew Ministeru ieħor?

JD: Kien ilhi hemm minn September.

JA: Ok. Issa eh, inti taf fuq xiex-

JD: Le, naf fuq xiex mela, naf fuqiex -

JA: -Mħarrka hawn hekk. Tgħidilna daqs xejn fuq il-proċess li wassal għal dal-booking, il-famuż booking, li -

JD: Eh, mela , iċ-Ċittadella għandhom online booking form, u jiena bbukkjajt. Ibbukkjajt kien ilhi nistaqsihom, inċempel, biex nagħmel naqra il-kuntest dis-section u ċ-Ċittadella kienu jaqaw taħti meta kont Għawdex, eh il-, il-, development taċ-Ċittadella kien proġett li kien taħt ir-responsabbiltà tiegħi, u imbagħad jiena tlaqt u tkompla insomma – u ġie -. Kont naf il-ħsieb kien li dan hmm ikompli jintuża iktar wiesgħa għall-events u kien qed jintuża għall-events. Jiġifieri jien hawnhekk ġibt miegħi ftit provi ta' events kbar mastiċċi, b'ħafna storbju, b'ħafna nies li ilhom isiru for years and years. Jiġifieri din li xi ħadd jgħid li dan it-tieġ kien xi unique event, hija fallacy.

JA: Int jiġifieri kont eh -

JD Li kien jiġri, id-differenza hija -

JA: Int jiġifieri kont, inti kont Segretarju Permanenti Għawdex ukoll qabel jiġifieri?

JD: Iva.

JA: Int Għawdxija hux hekk?

JD: Għawdxija jiena, imma għamilt għaxar snin jiena direttur Għawdex kelli two thirds tal-Ministeru bħala servizzi u l-kultura u l-operat fiċ-Ċittadella kienu jaqgħu taħti wkoll.

JA: Sewwa, sewwa.

JD: Però, id-differenza bejn it-tieġ tat-tifla tiegħi u tiġijiet u events oħra li saru hija li dawk saru kollha b'xejn u jiena ħallast miżata ta' ħamest elef ewro. Meta jiena bbukkjajt iċ-Ċittadella u biex nagħmlu ċara , by the time li sar it-tieġ tat-tifla tiegħi kellhom tliet bookings ta'tiġijiet li naf bihom jiena, mhux through xi subterfuge, imma għaliex xi ħadd minnhom avviċinana, jistaqsina fejn se nagħmlu l-catering, għax in-nies titkellem. Ok, jiġifieri l-oħra, l-oħra talbet lill-events organizer tat-tifla tistax tiġi meta jsir it-tieġ, it-tiġijiet għadhom se jsiru, imma l-bookings ġew aċċettati qabel ħarġet il-legal notice. Biex il-kuntest ikun ċar għal kulħadd. Ma kienx l-uniku tieġ li ġie approvat bil- fee taħt dik il-legal notice. Events li saru qabel, saru bla ħlas. Events li saru wara, fosthom xi two weeks wara, il-business event tal-business clients tal-BOV, sar b'xejn. Iġifieri tieġ, qisu tieġ, tistgħu tarawh online, ma ġibtx ritratti ta' dawk, kien hemm all the business clients tal-BOV, f'għeluq il-ħamsin sena, u dawn kellhom entertainment, catering, whatever, qisu tieġ. Jiena ħabib tiegħi li għandu, li kien hemm, staqsejtu għandux kunfidenza jistaqsi ċċarġjawħx xi ħamest elef, u qalli le talbuh donation ta' elf ewro lill-bank.Biex, biex inkunu ċari. Qabel it-tieġ tat-tifla tiegħi, kien hemm ħafna events b'xejn, però kien hemm event partikolari li ħallas tliet mitt ewro.Ok, issa id-differenza hija, li meta aħna bbukkjajna bagħtuli l-conditions, li rrid napplika mal-ERA , u li rrid nimxi ma ċerti regolamenti fuq is-sit, u jiena tlabthom ukoll il-kuntratt u tlabthom il-legal notice. Dawn qaluli, legal notice għalfejn? U jiena kellimt lill-Perm. Sec. dak inhar, għidtlu John, għidtlu aħna uffiċjali pubbliċi, għidtlu biex inti you levy fees on public funds irid ikollok

legal notice li tistabbilixxi dawn il-fees, ma tistax tivvinta fee u lili tiċċarġjani u min jiġi wara tiċċarġjah differenti, that's not how accountabilty and -

CP: Iġifieri dan meta, meta qalulek li trid tħallas ħamest elef?

JD: Confirmed il-booking ehe ehe

JA: Naturalment ibbukkjajtu ħafna qabel hux hekk?

JD: Eh, ibbukkjajt September tas-sena ta' qabel.

JA: Għax -

JD: Aħna m'aħniex minn dawk li nħaffu, iġifieri t-tifla ddeċidiet li se tiżżewweġ sena qabel, u by September għamilna, ċempilt, staqsejt, qaluli iva qaluli se nibdew nagħmlu weddings eh hmm b'ċertu conditions, tipo bħal ma jagħmlu Heritage Malta fis-sites tagħhom, hmm fil-fatt aħna kellna option bejn il-Ġgantija u ċ-Ċittadella. Prezzijiet huma l-istess five thousand, qalli ħa niċċarġjaw five thousand bħalhom u aħna ibbukkjajna online, qalli ibbukkja online, qalli fejn, biex ikollok id-dates maqbulin. Qalli però, we will give you a definite answer x'ħin nissettjaw ċertu regolamenti li jridu jagħmlu għat-tiġijiet, which is fine. Dawn ir-regolamenti fosthom kien hemm ċertu regoli tal-ERA li jien applikajt mal-ERA u tawna dawk ir-regoli u mxejt magħhom. Wara li nieqfu r-recording ngħidlek x'kienu dawn ir-regoli u li s'issa jiena biss imxejt magħhom.

JA: Ehh-

JD: Le-

JA: - Fit-tiġijiet

JD: Għax jiena-

JA: Fit-tiġijiet li saru, qabel it-tieġ tat-tifla tiegħek-

JD: Hmm

JA: Kien hemm payment jew xejn xejn?

JD: Xejn -

JA: Xejn?

JD: Xejn.

JA: Nsomma.

JD: Kienu, mela. Biex isir tieġ, in any public place, m'għandekx bżonn legal notice per se, b'xejn tista' tagħmlu, kull ma' trid one time event permit li joħroġ mill-pulizija u jekk ikun a site li hija Natura 2000 site, joħroġ permess mill-ERA. U no objection tal-Kunsill Lokali, jew il-Lands jekk ikun l-owner il-Lands u mhux devolved

JA: Ehe

JD: -taħt il-Kunsill Lokali, that's the law. Jiġifieri dawk huma l-proċeduri normali. Per eżempju, just to give a context, kien hemm dak it-tieġ tad-DB, it-Torri l-Aħmar kien fl-aħbarijiet, nista' nsemmih, dak sar hemm one time event. Iġifieri jiena, li kieku jiena ridt nipproffitta mill-kariga tiegħi, kont nagħmel one time event application, ma nħallas xejn,

inħallas xi mitt ewro eh u nagħmel garanzija, fee tal- garanzija għall-bank just in case nagħmel il-ħsara, u niġborhom lura wara. Iġifieri jien, I stand here u jista' jiġi kulħad, it-trouble li nqalali, għaliex ridt l-affarijiet kif suppost, ħa ngħidlek I can understand għalfejn kulħadd is discouraged li jagħmel l-affarijiet sew, għax ma nafx, kieku għamilt il-ħażin x'kien ħa jiġri u.

JA: U t-tieġ meta sar?

JD: June. June tas-sena l-oħra.

JA: Ok. Iġifieri applikajtu f'Settembru u sar-

JD: June ta' wara.

JA: Nine months wara bejn wieħed u ieħor.

JD: Però tinsiex, żewġ tiġijiet ibbukjati, qabel sar it-tieġ,iġifieri minn meta ibbukkjajt jiena sa meta sar it-tieġ, ġew aċċettati u kkonfermati at least żewġ bookings oħra. Inzerta wieħed minnhom ħuħ impjegat tiegħi so, I know exactly eh bil-każ mhux għax -. Hmm, xtaqt ukoll għax intom tinvestigaw il-politiċi, xtaqt ukoll nagħmel aċċen fuq il-biċċa tal-legal notice per se. Il-Ministeru għal Għawdex, m'għandux liġi li tagħti vires lill-Ministru għal Għawdex li joħroġ regulations for fees. Meta kienu qegħdin jagħmlu l-legal notice, lili staqsewni, jiena fi żmieni x'kont nagħmel, fi żmieni kelli żewġ fees regulations li kont naħdem bihom, waħda kienet sports u l-oħra kienet open gardens aw open spaces, li, wieħed kien taħt il-Ministru tal-iSports u l-ieħor kien taħt il-Ministru tal-Ambjent dak iż-żmien ma nafx x'kien jismu t-title. X'ħin ġew biex jaraw liema Ministru irid joħroġ din il-legal notice, billi din hija a heritage site, u Natura 2000 site, bdew jiddibattu hux tal-Ambjent jew tal-Heritage. Iġifieri il-fatt li l-Ministru Owen Bonniċi spiċċa joħroġ din ir-regulation hija fuq parir tal-legali u tal-legislation unit, li huwa iktar suited li toħroġ taħt tal-Heritage milli taħt tal-Ambjent. Iġifieri l-Ministru Owen Bonniċi hmm daħal fl-istorja minħabba the legalities, proċedurali. Alright? Jiġifieri at no point ma - ifhimni, li kieku il-Ministeru għalGħawdex kellu liġi ma kienx ikun hemm bżonn li Ministru x'imkien ieħor, Charles jifhimni eżatt, l-istatutory responsibilities tal-Ministri huma stabbiliti bil-liġijiet , u l-Ministru t'Għawdex għandu l-liġi tal-planning, imma qabel ma kellu l-ebda liġi li tgħajjat lilu li jista' joħroġ ċertu legal notices. Le just biex ikollna l-fatti kollha iċċarati.

JA: Issa eh, irrispondejt xi domandi diġà, iġifieri inti sirt taf li kien hemm booking fee meta ħarġet il-legal notice?

JD: Le, le, le.

JA: Qabel.

JD: Qabel qaluli.

JA: Qabel.

JD: Qaluli qabel li se jiċċarġjaw ħamest elef -

JA: Sewwa.

JD: U jien għidtilhom ok, għidtilhom il-legal notice tal-fees fejn hi?

JA: Sewwa.

JD: Dawn qaluli legal notice? Speċi, għidtilhom le, għidtilhom intom dipartiment tal-Gvern biex tiċċarġja fee trid toħroġ legal notice -

JA: Hekk hu.

JD: Qaluli ok issa noħorġu legal notice. And they - it took the time to -

JA: Għax ħarġet, ħarġet -

JD: - To issue the legal notice.

CP: - Iġifieri inti ippromptajthom -

JD: Yes, yes

CP: - Li ddraftjaw

JD: And they all say that - Le għax dawn ħasbu li jistgħu jagħmlu bħal Heritage Malta u jikru ċertu venues hmm mingħajr legal notice, meta Heritage Malta għandha a commercial arm għal dak l-iskop fhimt? U ma toħroġx legal notices għal din il-limited liability company li għandha commercial arm. Imma, public funds? Ħa jidħlu fil-konsolidat? You cannot levy fees of any sort, mhux skond il-liġi, and I asked them, għidtilhom ħa ngħidlek I quote, għidtilhom "għamlu legal notice u tqallawnix xi xeba' gazzetta", u qlajtha xorta. Dik l-ironija.

JA: Għax naturalment il-legal notice imbagħad-

JD: Le huma ħa ngħidlek, din l-ewwel darba li għamlu legal notice ta' dan it-tip, qagħdu jiġru minn hawn u hemm, il-legislation unit qagħdu jistaqsuhom taħt liema liġi din se toħroġ, u imbagħad id-diskussjoni taf int, u jiena kull darba nippanikja , nippanikja, nippanikja heqq forsi kieku ma ħarġuhiex ma kontx inħallas hu.

JA: Eh, u meta rċevejt il-konferma b'xi email jew, jew?

JD: Hmm iva, ehe, imma ituhomlok huma l-emails, huma ikkonfermawli, jiġifieri m'għandix qiegħdha hawn hekk, ma printjajtux , għax jien iktar ġejt ippjanata. Hmm l-email, le għax dawn, le però ehe, il-booking huwa online u jiena rċevejt formola, b'email b'link għall-conditions tat- tieġ.

JA: Sewwa.

JD: You can ask, ma nafx iġifieri, jekk trid nibgħat insibha u nibgħatilkom, imma jġifieri -

SPW: Naħseb l-aħjar nagħmlu hekk -

JD: Jew jibgħatuhilkom huma.

SPW: Il- korrispondenza kollha li għandek hmm, mal-Ministeru għal Għawdex, mal-Perm Sec ta' Għawdex,rigward

JD: Le, le m'għandix korrispondenza -

SPW: Fir-rigward –

JD: ma' John għax jien kont inċempillu-

SPW: Sew.

JD: Jiena m'għandix role fil-Ministeru għal Għawdex, my only concern kien li l-affarijiet isiru kif suppost.

JA: Eh, imma-

JD: That's all.

JA: Kull korri – xi korrispondenza li għandek tista' tibgħatilna –

JD: Għandi

SPW: Fir-rigward tal-booking tal-Foss, hekk hu

JA: Ibgħatilna, ibgħatilna

JD: Ok

JA: U ma ntellgħu lil ħadd iktar hu, jekk jista' jkun.

JD: Ok.

JA: Jekk jista' jkun dejjem

JD: Le, m'għandix problema, però jiena ridtkom taraw, dan huwa reklam biex tagħmel tiżżewweġ iċ-Ċittadella tistgħu tarawh, iġifieri n-nies li jridu jiżżewġu ċ-Ċittadella, reklam.

CP: Iġifieri din hija kumpanija -

JD: Privata.

CP: -Li toffri, privata -

JD: Ezatt, aħna ġibna quote minn għandhom ukoll.

CP: - li qed torganizza events

JD: Ġibna quotes

CP: Inkluż tiġijiet iċ-Ċittadella.

JD: Jidhirli Venue, you can read. "Your dream ceremony steeped in" – whatever, ħa nara, mela din għal weddings, ok imbagħad joffrilek iċ-Ċittadella bħala waħda mill-venues. Insomma dik tista' taraha għall-affariji tagħkom. Din hija, dan jien mort dan it-tieġ, dan it-tieġ ta' Christian ta' John Magro, però sibtha online fil-gazzetta ukoll. Iġifieri din hija, printjajthom il-bieraħ ta bgħatthom lili nnifsi u printjajthom. Din hija mill-Independent, dan huwa t-tieġ ta' Christian Magro, dan huma l-pay -

CP: Fejn qed jissemma presumably li r-reception sar-

JD: Iċ-Ċittadella u min attenda, b'kullħadd, iġifieri dan qabel way back. Din hija il-screen shot mil-BOV tat-transaction tiegħi, għal-

CP: Fejn inti ħallast is-somma ta'-

JD: Ħamest elef.

CP: Ewro. U inti ħallastha fil-, 25th

JD: 25. Huma , mela -

CP: June hux hekk?

JD: Dawn bagħtuli -

CP: 25th June

JD: Iva, dawn lanqas kienu jafu kif se jagħmlu l-claim biex tħallas.

CP: Sewwa.

JD: Iġifieri jiena ċempiltilhom, għidtilhom tridu tagħtuni biex nagħmel, għidtilhom mhux ser inħallas cheque u mhux se nħallas cash. Għidtilhom jiena ħa nħallas online, għidtilhom ibagħtuli kif se nħallas u bagħtuli claim bl-IBAN, alright? U ftit wara ħallast, iġifieri. Hmm, dawn huma l-events tal-Capitals. Dan l-events tal-Capitals, kunċert li ilu jsir għaxar snin ġoċ-Ċittadella, b'mijiet ta'nies. Jiena mort, l-ewwel darba li mort nara, is-site għall-post, u hemm xi referenza f'xi email ta', tal-assistent direttur, kien l-għada ta' dan il-. U dan beda jgħidli "għalhekk irridu l-conditions biex ma tħallux straġi bħal dawn". Iġifieri dak ġie iċ-Ċitadella. Dan huwa "Sax Under the Stars" ġoċ-Ċittadella. L-istess post tat-tieġ, ta' sena qabel it-tieġ. Dawn li sibt Facebook eh jiġifieri, għamilt screen shot u bgħatthom lili nnifsi fuq il-laptop aw, il-bieraħ filgħaxija. Ehh, u dan huwa, mela, wara li mort, eh nara l-post, staqsejthom jekk kellhomx xi ritratti jew hekk, kif għamlu s-setup fil-post, u bagħtuli dawn. Dan huwa event tal-gvern, fit-2017. Iġifieri l-istess tip, it-tieġ l-istess setup, l-istess tip ta' – ok? Dawn, dawn, dawn huma fl-archives tal-eh Culture, dan kien bagħatli email ftit wara.

CP: Iġifieri hawnhekk qegħdin naraw event li mhix tieġ imma bl-imwejjed,eh bl-ikel -

JD: Le, imma t-tiġijiet trid-

CP: Eh organizzata bil-

JD: Anka tal-BOV, li ma ġibtx, iġifieri anybody li għandu business Malta kien mistieden.

CP: Sewwa.

JD: And it was  a huge wedding style event. Issa barra minn hekk tiġijiet ġoċ-Ċittadella jsiru kważi every weekend, imma ma jkunux, ikunu jew ċivil wedding b'reception żgħira jew hekk, u they, nobody pays. Iġifieri tiġijiet ġoċ-Ċittadella ilhom isiru, għadhom isiru, se jibqgħu isiru, iġifieri din li, il-ħrafa li qisu t-tieġ tat-tifla tiegħi biss sar iċ-Ċittadella. I mean you can keep these.

CP: Thank you.

SPW: Min-naħa tagħna bħala provi naħseb l-aħjar imbagħad  tibgħat li tista', bl-email-

JA: Ara x'korrispondenza għandek u ibgħatilna ta'.

JD: Ok,

SPW: Hekk hu u fejn irċevejt emails jew għandek chain of emails, l-aħjar tibgħathom bħala attachments i.e. you don't forward them but attach them to an email that you send to us.

JD: Hmm or I print them u nibgħatomkom u.

JA: Għandkom xi-

SPW: It's better if you do it this way please.

JA: Għandkom xi domandi oħra intom it-tnejn?

CP: Hmm diffikultà li għandna , li meta tara din il-booking form, eh ma tħallikx tibbukkja tiegħ, fid-ditch taċ-Ċittadella, imma sempliċiment iċ-ċerimonja.

JD: Le, le mhux hekk

CP: u infatti-

JD: Il-booking form tgħidlek x'tip hu.

CP: Hawnhekk għandna kopja fil-fatt tal-

JD: Le, inti trid tgħid x'inhu l-event.

CP: Hekk hu. U fil fatt qiegħda immarkata ara bħala, bħala-

JD: Ara, din tiegħi

CP: Eżatt.

JD: Din hija l-booking form tiegħi.

CP: Hekk hu.

JD: Type of event id-drop down menu, imma jiena imbagħad tgħidlek technical support needed. Electricity supply, opening of public toilets after hours, vehicle access, I mean jiena I knew what I was booking for.

CP: Ehe.

JD: Fis-sens hmm wedding ceremony, dik x'għamlu huma fil-form

CP: Ezatt hekk hu

JD: Bħala event.

CP: Dak li qed nistaqsi qisu hemm, hemm differenza bejn dak illi hija maħsuba għaliha l-formola, u dak illi attwalment kien jiġri skond kif qed tgħid inti. Li qisu l-formola maħsuba sempliċiment biex isiru ċ-ċerimonja proprja-

JD: Imma

CP: -u mhux ir-receptions.

JD: Le, dik hija l-event type, inti dħalt fiha din il-formola?

CP: Ehe.

JD: Id-drop down windows rajthom.

CP: Iva għax-

JD: Hemm

CP: -Għax m’hemmx available fil-fatt għalhekk qed nistaqsi, m’hemmx available, wedding reception.

JD: Iġifieri, hemm xi ħaġa ħażina li jiena I was told I could do a wedding reception b’conditions daqshekk - ta’ dawl, ta’ sound, jiġifieri dak taċ-ċerimonja?

CP: Le, għalhekk qed nistaqsi.

JD: Le, I mean, jekk se nintilfu fid-dettall tal-formola li ma nafx min għamilha, huwa archaic, u sistema tal-IT vera bażwija, għax jiena lanqas sibt acknowledgement tiegħi personali ħlief li rċevew il-booking, daqshekk, daqshekk, acknowledgment ta’ booking. Din fiha, inti rajtha fiha t-tabelli, biex tgħid id-dates liema.

CP: Iva.

JD: Eq, u jiena qaluli ibbukkja online qalli għaliex inkella jidħol xi ħadd u il-calendar ma jkunx blocked , jiġifieri jiena I called, iddiskutejt, staqsejt, qaluli bbukkja online għax jiġi xi ħadd jibbukkja fil-calendar u jiġu blocked id-dates, meta li trid int. Fil-fatt jiena bbukkjajt il-ġurnata qabel il-ġurnata attwali, għax inti you need to set up hu.

CP: Iġifieri inti bbukkjajt bl-understanding li qed tibbukkja għal tiegħ b’reception, eh u rċevejt il-conditions li qed jirreferu għal reception.

JD: Għal music, għal dawl.

CP: Sewwa.

JD: Li ma tistax tagħmel ċertu affarijiet qrib ċertu areas u li rrid napplika mal-ERA għall-permess. Eh jiġifieri ifhimni, ċċekkjaw kull tieġ li se jsir wara hux fuq din ibbukkjaw, fuq din ibbukkjaw eh. Hemm wieħed 17th August, żgur, li ġej, dan li bbukkja . Dak ġab il-permessi tal-ERA qabli. Iġifieri, just saying.

JA: Ilu ppjanat, ilu ppjanat iġifieri .

JD: Le aħna m’aħnix nippjanaw tliet snin, erba’ qabel, aħna naqra iktar -

JA: Xi ħaġa oħra?

SPW: Min-naħa tiegħi le.

CP: Dak kollox.

JA: Din hija s-sustanza tax-xhieda tas-Sinjura Joyce Dimech dettata minnha stess fuq it-tape. Ok, Grazzi.

Data tal-aħħar reviżjoni: 26 ta’ Frar 2025

Dokument F

**From:** Dimech Joyce at MHSE
**To:** Office
**Cc:** Polidano Charles at Standards; Azzopardi Joseph C at Judiciary; [redacted]
**Subject:** FW: Cittadella Conditions
**Date:** Tuesday, 25 February 2025 12:26:25
**Attachments:** IMG_9345.PNG
IMG_9346.PNG
Cittadella Ditch Terms and Regulations for Wedding Receptions.docx
Wedding Area (1).dwg

---

Commissioner for Standards in Public Life

Reference is made to the summons of Tuesday 18th February, when I made reference to an email from Culture Directorate MGP, received well before the wedding date, containing the conditions to hold a wedding at the Cittadella.

I agreed for forward such email however it resulted that it was a set of whatapp messages and not an email. I forwarded these messages to Larissa, my daughter as soon as I received them. I am attaching the documents in question and also the whatapp screenshots of the relevant messages showing date. The original messages were most likely disappearing messages as I could not find them. I am available to come again to your offices to show you the actual whatapp messages.

Trusting that the above and attached are sufficient to show that the acceptance of the wedding booking was well prior to the publication of the legal notice.

Thank you and best regards

Joyce Dimech
Permanent Secretary
Office of the Permanent Secretary

t +356 25689200 e joyce.dimech@gov.mt
www.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS,
SECURITY AND EMPLOYMENT

35, 36, 37, OLD BAKERY STREET,
VALLETTA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

---

**From:** Joyce Dimech <[redacted]>
**Sent:** Tuesday, 25 February 2025 11:01
**To:** Dimech Joyce at MHSE <joyce.dimech@gov.mt>
**Subject:** Cittadella Conditions

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

# Traskrizzjoni tax-xhieda tas-Sur John Borg

| | |
|---|---|
| Każ: | K/066 |
| Data: | 11 ta' April, 2025 |
| Preżenti: | Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika – JA |
| | Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju – CP |
| | Dr Sarah Pace Warrington, Senior Investigator fl-uffiċċju tal-Kummissarju – SPW |
| | Is-Sur John Borg, Segretarju Permanenti, Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar – JB |

JA: Każ 66, is-Sur John Borg li huwa Segretarju Permanenti għall-Ministeru t'Għawdex. Mela tista' tgħidilna daqsxejn, eh inti taf fuq xiex inhu dan il-każ, fuq il-permess li kien inħareġ –

JB: Fuq il-permess li kien ħareġ eħe.

JA: U l-legal notice li nħarġet insomma.

JB: Eħe, eħe.

JA: Tgħidilna dan il-proċess kif, kif kien dan biex ħareġ –

JB: Ehe.

JA: – Il-legal notice.

JB: Mela, iċ-Ċittadella, sar proġett kien ta' EU funding, u proġett ta' EU funding hmm normalment għandek dawk il-5 years li ma tistgħax tagħmel attivitajiet li minnhom taqla', taqla' l-flus, mhux li ma ddaħħalx revenue, imma li ma taqlax il-flus. Mela jekk inti biex tmexxi ċ-Ċittadella – maintenance, ħaddiema – għandek bżonn ħa ngħidu 100 K, inti tista' ddaħħal flus imbasta ma taqbiżx il-100 K. U talbiet għal tiġien, ħalli niġu għas-suġġett, hmm kienu ilhom isiru, fil fatt l-ewwel tieġ li qatt sar iċ-Ċittadella kien 2006. Meta Magro Brothers kienu hmm illonċjaw is-Savina Brand, f'Mejju 2006, ġimgħa wara kien sar tieġ ġoċ-Ċittadella, mhux fid-ditch imma ġoċ-Ċittadella, ġimgħa wara kien sar tieġ hemmhekka, hmm iċ-Ċittadella. Hmm wara dawk kien hemm ħafna talbiet għat-tiġien, u dejjem kienu jingħataw civil weddings. Civil weddings iġifieri ħa jkollok iċ-ċerimonja u kienu naslu biss li jistgħu jużaw biss sa xampanja, iġifieri ma jistax ikun hemm ikel, u dawn ċivil weddings kienu jsiru b'mod regolari hmm over the years. Dejjem imma kienu jsiru talbiet, għal weddings biex niftehmu t-tradizzjonali li l-ewwel ikollok il-quddiesa fil-knisja jew jista' jkun ċivil wedding

imma umbagħad ikollok ir-reception, ħa ngħidu reception għax aħna din qed nitkellmu fuq reception sewwa? U dawn kien hemm ħafna talbiet u aħna dejjem irrifjutajniehom, speċjalment minħabba illi kien hemm l-EU funding kien għadu għaddej, li 5 years kemm jista' jkun ma tagħmel xejn. Imma saru ammont t'attivitajiet fosthom per eżempju l-Presidenza fejn, meta kellna l-Presidenza ta' Malta, kienu saru attivitajiet ta' ikliet fid-ditch taċ-Ċittadella. Il-ministeru tagħna stess ġie jorganizza ehmm, sports awards per eżempju li jkollok umbagħad jew a gala dinner inkluż miegħu, iġifieri ċertu attivitajiet bl-ikel ġieli saru fiċ-Ċittadella. Il-BOV per eżempju kienu talbu u saret hmm attività li kienet bl-ikel. Kellna każ ieħor per eżempju, hmm ta' hmm Abram aw x'jgħidulu aw il eh, Abram magħruf Għawdex Abram il x'jgħidulu hawn, il hmm li għandu restaurant u hekk, dak jagħmel ikla s-soltu Marsalforn, hmm fejn is-salt pans, kien hemm, inqala' ħafna riħ, talabna biex issir ġoċ-Ċittadella ħa jkun hmm f'ambjent magħluq. Iġifieri attivitajiet fejn ikun hemm ikel, ġieli saru imma tiġien dejjem bqajna nirrifjutawhom. Hmm talbiet għal eh tiġien, bdew ġejjin qisu mit-2022, bdew iżidu t-talbiet, u hawnhekk kienu għaddew il-5 years tal-EU, sa dan it-tant imma aħna konna, ara per eżempju hawn hekk kellna talbiet hmm 2016 hmm imma kien ċivil wedding it's ok, 2017 reġa' ċivil wedding ieħor, imma mbagħad Mejju 17, eżatt sena wara li sar il-proġett taċ-Ċittadella, aħna konna għamilna update tal-master plan taċ-Ċittadella u konna hemmhekk, konna biddilna illi jistgħu isiru attivitajiet mela dħul ta' flus, jew dħul biex tidħol fiċ-Ċittadella Visitor Centre, li tħallas biljett in conjuction ma' Heritage Malta biex tidħol, inkella konna għidna jistgħu jsiru attivitajiet li kienu revenue-generating sa 40 elf fis-sena jista' jdaħħal il-gvern minnhom, u hawn ma kinux speċifikati x'inhuma imma jistgħu ikunu ikliet, tiġien, mela hawn diġà konna apdejtjajna r-revenue streams tagħna illli jista' jkun hmm li jkollok xi tieġ biss bqajna dejjem nirrifjutawhom għax dejjem bdejna hawnhekka għax kienu għadhom m'għaddewx il- 5 years.

CP: U dan id-dokument kien 2017?

JB: 2017 ehe, dana huwa hmm issa nħallihulkom jekk tridu ta' Price Waterhouse Coopers iġifieri biex ikollok il eh il indicators ta' kif jista' tagħmel hmm għal master plan project dan. Iġifieri jekk tridu nħallihulkom dan nista' nħallih.

CP: Thank you.

JB: M'għandix ebda problemi. Mela daka kienet ir-revision tas-CBA il-cost benefit analysis hmm kif għidt kienu għad isiru aktar attivitajiet, bħal ikliet u tal-Presidenza u hekk. Issa mbagħad bdew kulħadd jgħidilna imma isma', tiġien ħa nagħmlu, għaddew il-5 years? U bdew ġejjin ħafna u ħafna talbiet minn individwi, hmm fosthom ta' Ms Joyce Dimech fejn talbet u dana. U aħna konna ngħidulhom, għamlu l-application, fil fatt din saret l-application ta' Joyce Dimech, naħseb kont bgħatthielkom diġà meta tlabtuni.

CP: Iva.

JB: Set application 7th eh September 2023, għat-tieġ tat-tifla tagħha kienet. Aħna għidnielha it is being vetted u dakinhar umbagħad, aħna dak iż-żmien, billi kellna talbiet ta' ħaddieħor, iġifieri Silvan Theuma, kellna ħafna talbiet fl-istess żmien, għidna mela ejja naraw x'inhuma l-problemi, l-ewwel waħda hija state aid għaliex, għax inti jekk ħa tagħti ċ-Ċittadella il-venue free of charge ħa jaqbżu fuqek ħaddieħor jgħidlek isma' jiena tali venue niċċarġja 1000, 2000 euros, allura għandek state aid implications. Allura in November, in October bdejna nitolbu, l-ewwel tlabna lil PPCD minhabba EU funds qalulna min-naħa tagħna m'hemmx problemi issa għax għaddew il-5 years. Morna State Aid u l-Istate Aid qalulna li they don't see any problems bħala state aid, imbasta niċċarġjaw a fee.

CP: Dan huwa l-Istate Aid Monitoring Board.

JB: L-Istate Aid Monitoring board ehe. Kienet kitbitilna, kitbitilna Yana Haber, kitbet lid-Direttorat tal-Cultural Heritage, id-Direttorat tal-Cultural Heritage jieħu ħsieb iċ-Ċittadella u other sites li huma of historic importance f'Għawdex u kitbitilhom, qaltilhom illi m'hemmx problemi. Mela hawnhekk ikklerjajna l-ewwel hurdle ta' state aid. Imbagħad bdew il-problemi l-oħra li huma mal-ERA, illi hemmhekk għandek l-area, ma nafx tafux kif inhi id-ditch, mela kif tinżel fid-ditch għandek biċċa twila umbagħad iddur biċċa, u hemmhekka ibejjed u jgħix il-farfett il-lejl. Allura hemmhekka hija area li ma tistax tagħmel dwal, ma jistax ikollok ħsejjes, u fil-fatt meta darba għamilna attività kunċert, weħilna multa bħala ministeru għax hmm skont l-ERA il-ħoss kien iktar għoli milli suppost. Allura bdejna niddiskutu mal-ERA hmm immedjatament hmm bdew id-diskussjonijiet, għax dana sintendi jkunu mixjin id-direttorat. In December 2023 bdew diskussjoni mal-ERA u dawn baqgħu jgħidu illi jrid ikollok sound vera baxx. Illi f'tieġ ikollok dak in-naqra mużika anka klassika, dik il-mużika l-baxxa, mhux il-mużika tad-discos biex niftehmu, li ukoll qalulna li ma tistgħux. Hmm aħna bqajna għaddejjin diskussjonijiet magħhom u fil-fatt l-approval illi nistgħu hmm nagħmlu anka tawna qisu hmm li jistgħu isiru ftit mużika basta mhux għolja, qisu għal Mejju 24 ġiet l-approval. Hmm sadanittant saru aktar, kienu għaddejjin aktar applications, kellna waħda ta' Claudia Mercieca, fejn applikat għal tieġ in April 24 biex isir dis-sena, fil fatt ħa jsir xi two months oħra dan it-tieġ, u l-istess għidnielha, it is being vetted. Għidnielha għax bħalissa għadna għaddejjin diskussjonijiet biex ikollna l-approvals. Hmm, forsi hawnhekka huwa ta' interess f'dan il-każ partikolari, hmm illi 16th April, 2024, id-Direttorat tal-Cultural Heritage kiteb lil Joyce Dimech u taha l-conditions biex tuża d-ditch. Jekk dawn triduhom –

JA: Jekk jogħġbok.

JB: Kienet 16th April hmm 2024. Hmm kif umbagħad klerjajna, mela klerjajna State Aid, klerjajna mal-ERA, l-avukata tagħna hmm id-Direttur Legal Services, kienet qegħdha sadanittant tiddiskuti mal-hmm, mal-Ministeru tal-Home Affairs and Security, dwar il-legal notice, bdew għaddejjin id-diskussjonijiet dwar il-legal notice. Dawn kien għad hemm ħafna emendi u iġifieri bdew għaddejjin ħafna

emendi u dan kif ħa ssir u daħlet ukoll application oħra ta' Paul Sultana sadattant, għal tieġ ieħor li daħlet għal 16th May 24 biex isir tieġ, ukoll għal din is-sena. Iġifieri normalment sena qabel dak li jkun jaħseb għal venue. Hmm saret din it-talba, l-istess tawh il-conditions u fejn ma jistgħux isiru hmm dwal u mużika, mal-biċċa magħluqa ta' wara. Issa dana hawn hekk orrajt meta ġibt, meta f'Mejju 2024 l-ERA kienu qalulna li it's clear tistgħu tagħmlu tieġ, umbagħad kien għad hemm għaddejjin it-taħditiet mal-MHAL għax taf il-ministeri dejjem jinbidlu, il-ministeru biex niftehmu hmm –

CP: Dan huwa l-Home Affairs iġifieri.

JB: Home Affairs ehe, ehe, hmm niddiskutu mbagħad dejjem l-legal notice, il-legal notice bl-impact assesment framework dana biex naraw illi kollox dan. Kont qiegħed niddiskuti dak iż-żmien ma Kevin Mahoney, Permanent Secretary tal-MHAL, hmm –

CP: Il-Home Affairs però fiex daħlu? Jaqaw in-National Heritage –

JB: Mela, ħa, ħa nispjega ftit, il-Ministeru t'Għawdex, m'għandniex legislation aħna li biha nistgħu nagħtu permessi biex il-postijiet jintużaw. Allura rajna illi jew trid tkun bil-Heritage Malta, illi l-Ministeru tal-Heritage Malta li huma l-Ministeru tal – jaqgħu taħthom.

CP: Ehe.

JB: Jew il-Ministeru tal-Parks. Sa fejn naf jien l-Imdina jekk mhux sejjer żball, ma rridx niġi kwotat ħażin, jaqgħu taħt il-Parks, l-Imdina. Mela ħa ssir xi attività fl-Imdina, it-tieġ jaqa' taħt il-Parks li huwa l-Ministeru tal-Ambjent mingħalija llum għax taf li l-Ministeri jinbidlu.

CP: Ehe.

JB: Il-Heritage sites jaqgħu taħt Heritage Malta, imma f'Għawdex il-Heritage sites mhux l-istess, Ġgantija taqa' taħt Heritage Malta, Ċittadella taqa' taħt il-Ministeru t'Għawdex. Mela aħna ma kellniex legislation li biha nistgħu noħorġu legal notice. Allura bilfors kellna mmorru għand il-Ministeru tal-MH, aw, dejjem nitfixklu.

CP: Tal-Home Affairs.

JB: il-Home Affairs, biex joħorġuha huma l-legal notice, u allura kienu qed jiġu diskussjonijiet magħhom bejn l-avukati tagħna u tagħhom biex il-legal notice toħroġ mill-ministeru tagħhom. Kieku aħna kellna legislation konna noħorġuha aħna, imma aħna ma stajniex noħorġuha. Iġifieri b'hekk ħarġet mill-ministeru tagħhom. Fil fatt meta telgħet il-cabinet memo, iffirmawha ż-żewġ ministri flimkien, Clint Camilleri u Owen Bonniċi. Il-cabinet memo ġiet ippreżentata l-Kabinett għax la darba ħa jkollok il-fee trid tmur Cabinet, u din ġiet approvata. Mela umbagħad kienu għaddejjin dawn id-diskussjonijiet f'Mejju u kif kien hemm kollox lest bħala legal notice u kollox umbagħad telgħet Cabinet beginning of

June, ġiet approvata mill-Cabinet u hmm wara li ġiet approvata umbagħad il-ministeru u l-Istate Advocate umbagħad ħareġ biex tista' toħroġ il-legal notice u l-legal notice ħarġet f'Ġunju.

JA: Issa l-legal notice ħarġet mill-Ministru tal-Kultura.

JB: Iva, għax huma għandhom il-liġi tal-heritage sites, aħna ma stajniex noħorġuha. Għalhekk, għalhekk il –

JA: Le, kollox sew, imma –

JB: Għalhekk il-cabinet memo ġew iffirmata bejn Clint Camillieri għax hu il-Ministru t'Għawdex allura anything on Gozo normalment inkunu aħna, u għax aħna konna s-sidien, ħa nużaw hekk li tal, tal –

JA: Tas-site.

JB: Tas-site, imma billi aħna ma stajniex noħorġuha, u dik domna ħafna niddiskutu min jista' joħroġha, hmm iffirmaha ukoll il-cabinet memo Owen Bonniċi u ħarġet mill-ministeru ta' Owen Bonniċi jiġifieri l-legal notice ħarġuha huma.

CP: Le, fhimnieh dak il-punt.

JB: Eħe għax ma stajniex noħorġuha aħna.

CP: Id-domanda hi l-Home Affairs fiex daħlu. At the time Heritage kien taħthom jaqaw?

JB: Naħseb għamel żmien kien taħthom, bl-amment ma nafx ifhimni, imma naħseb kienu taħthom iġifieri, naħseb għamel żmien kien hemm xi ħaġa. Il-Home Affairs fiex, għaliex qed tgħid –

JA: Le vera għax loġikament –

JB: Kevin Mahoney –

JA: Kevin Mahoney.

JB: Hawnhekk huwa Permanent Secretary National Heritage and Arts and Local Government.

CP: Eh, I see.

JB: No, no, għax Kevin, billi aħna l-permanent secretaries niċċaqalqu ħafna. Jien issa ili ħdax il-sena Għawdex allura jiena bqajt parti mill-għamara. Kevin Mahoney hmm kien iċċaqlaq, għamel żmien twil Home Affairs –

JA: Ehe minn hemm nafu jien.

JB: Umbagħad ftit żmien OPM, Kevin Mahoney, imma mbagħad kien mar il-, il-Kultura, kien mar flok Joyce Dimech, Joyce Dimech kienet iċċaqalqet.

JA: I see.

JB: Naħseb kien hemm swap bejniethom.

JA: Għamel żmien, għamel żmien hemmhekk iġifieri fil-Kultura hux hekk?

JB: Min, Kevin Mahoney?

JA: Kevin Mahoney.

JB: U għadu hemm sal-lum.

JA: Eh għadu hemm sal-lum?

JB: U żgur, mela. Ara minn dakinhar hawnhekk, Kevin Mahoney kien hmm, daż-żminijiet kien, issa meta mar –

JA: U iva mhux importanti.

JB: Ma nafx.

JA: Aħna biex niċċaraw għax aħna –

JB: Hu kien.

CP: Iġifieri meta d-director legal services tagħkom kienet qed titkellem ma' ministeru differenti, dak kien il-ministeru risponsabbli għall-heritage?

JB: Mela, hi tkellmet prattikament ma' żewġ, mal-Ministeru tal-, mela konna qegħdin nitkellmu, mal-Attorney General aw għal State Advocate biex noħorġu l-liġi.

CP: Ehe.

JB: Imma billi l-liġi tkun taħt il-hmm x'jismu hawn, billi l-liġi tkun taħt Owen Bonniċi, il-ministeru ta' Owen Bonniċi, allura kienu għaddejin, imma ma żewġ, ma żewġ ministeri iġifieri.

CP: Sewwa.

JB: Għalhekk iġifieri umbagħad meta ħarġet biex tiġi ppubblikata, hmm iġifieri meta kitbet Rebecca Agius mill-Istate Advocate, hmm ikkupjat lil, lil eh lill-Ministeru ta', tal-MHAL biex toħroġ il-legal notice, ħa toħroġ il-legal notice. Umbagħad ħarġet il-legal notice u minn hemm iġifieri umbagħad kellna l-permessi aw kien hemm kollox in order li jistgħu isiru t-tiġien.

JA: Issa jġifieri qabel ma ħarġet il-legal notice saru tiġijiet, laħqu saru tiġijiet?

JB: Le civil weddings.

JA: Civil weddings.

JB: Civil weddings mingħajr, mingħajr ikel.

JA: Mingħajr ikel.

JB: Mingħajr reception u ma kienux iħallsu.

JA: I see.

JB: Aħna għidna, aħna għidna isma' jekk ħa niftħuha free għal kulħadd, kulħadd irid imur jagħmel il-weddings hemmhekk.

JA: Eh u żgur.

JB: Ikollna wedding kull ġimgħa u ċ-Ċittadella mhux qegħda għall-weddings.

JA: Mhux qegħda għalhekk żgur.

JB: Imma kienu jsiru kif għidtilkom dawn l-corporate events bħal tal-BOV u hekk illi ġieli saru hemmhekk. Saru wkoll xi kunċerti min-naħa tagħna, xi ikliet min-naħa tal-ministeru – ikliet, awards mill-ministeru tagħna fejn ikollok a gala dinner iġifieri – kellna tal-Presidenza. Iġifieri ikliet kienu jsiru il-one offs imma tiġien u aħna ridna inżommu ċertu standard taċ-Ċittadella allura għidna tħallas five thousand ħalli isiru a maximum of eight weddings a year, fir-realtà s-sena l-oħra sar wieħed u dis-sena milli jien infurmajt ħa jsiru żewġ weddings issa f'Ġunju, iġifieri m'hemmx aktar applications. Għal dak li jkun 5 thousand hija għolja, biex iġġib caterer hemmhekk għandek a nightmare, għax irid iġib freezers u dan u jrid iġibu d-dawl, mhux bħal ma jkollok sala jien naf ħa nsemmu Għawdex il-Kempinski għandek kollox lest, għandhom  il-fran lesti dan, kemm joħroġ l-ikel, hemmhekk għandek, naf għax meta nagħmlu ikla aħna gala dinner its a nightmare biex tagħmlu hemm għax il-caterer ghandu biċċa xogħol kbira iġifieri.

JA: U għall-attivitajiet li saru qabel iġifieri, anka s-civil weddings, imma in ġenerali, per eżempju,

SPW: Corporate events.

JA: Il-BOV qed jorganizza ikla.

JB: Ehe.

JA: Kienu jħallsu nimmaġina?

JB: Il-BOV kien mingħalija qaluli għax dan hawn id-direttorat tal-Culture Heritage jieħu ħsiebha mhux jiena, kienu taw xi donation xi one thousand euros, il-BOV. Hmm meta sar il-l-ikla ta' Abram kien ta wkoll xi donation, iġifieri imma dawk kienu one offs, iġifieri qegħdin nitkellmu.

JA: Iġifieri llum il-ġurnata hemm legal notice li tirregola, tirregola –

JB: Dak min irid jista' japplika, hemm il-conditions, very stringent conditions, iġifieri trid tibża għat-turf, għandek ma tistax tagħmel dwal, ħsejjes, iġifieri hemm il-conditions, u trid tħallas il-five thousand euros iġifieri.

JA: Għaliex il-complaint quddiemna saret il-għaliex it-tieġ tat-tifla tas-Sinjura Dimech sar l-għada prattikament, jew ġranet wara hux hekk?

CP: Hekk hu.

JA: Ġranet wara li ħarġet legal notice.

JB: Imma hi applikat f'Settembru.

JA: Applikat ħafna qabel hi.

JB: Applikat f'Settembru, aħna għidnielha it's, it's, hija approved l-application imma provided illi jkollna l-permessi u għidnielha, id-direttorat qallha lilha kif qal lil ħaddieħor, isma' għandna process twil biex inġibu l-permessi meħtieġa, iġifieri. Hmm u kienet taf bihom għax qalulha d-direttorat u, issa kienet il-dik tagħha li ddeċiediet illi she keeps on going aw, bħal speċi aw il-wedding hemmhekk issa l-permess li ħareġ, issa kieku ma ħariġx il-permess ma kontx naf x'kien jiġri.

JA: Jien naħseb li d-domandi kollha li kellna naħseb irrispondejt għalihom.

JB: Naħseb għandkom hux hekk li ħallset, eh kont bgħattilkom li ħallset il-fee.

JA: Le, le, dik orrajt.

JB: Dawk kont bgħatthomlkom qabel hux hekk, le imma umbagħad bagħtulha l-fee biex tħallas u jiġifieri dawn huma il-dawn li ħallset il-fees u hekk.

JA: Eh, għandkom xi domandi intom? Naħseb li d-domandi li kellna lesti.

SPW: Għandek kopja tal-acknowledgment, eh jien għadni ma rajtx id-dokument li ppreżentajt li ntbagħat f'Ottubru.

JB: Dak huwa, liema aw meta bagħtulha l-conditions hu?

SPW: Il-conditions f'April.

JB: Il-conditions bagħtulha 16th April.

SPW: Hekk hu. Għandek kopja bażikament tal-acknowledgement tal-application tagħha li sar f'Settembru please, għax nassumi –

JB: Konna tajnihielkom din way back in August li għadda.

JA: Iċċekkja naqra, m'hemmx għalfejn –

JB: Le, le, dika, jien nista' nerġa' ntihielkom imma mad-dokumenti li tajt mingħalija f'Awwissu meta kontu ktibtuli, f'Awwissu kontu ktibtuli u tajtkom xi dokumenti jiġifieri.

CP: Għandna l-irċevuta.

SPW: Le, imma jien qed ngħid l-acknowledgment tal-application.

JB: Le, le, żgur dika qegħdha, din Claudia Mercieca –

CP: Għandna kopja tal-formola min-naħa tagħha online.

JB: Dik il-formula.

JB: Imma kien hemm Stephen Ċini kien qallha, din hija l-application –

CP: Ehe.

JB: Imma Stephen Ċini kien qallha dak inhar, l-assistant director, reference is made to your application. Kindly be informed that your application is currently being evaluated, however our office is not in position to fully confirm your application yet as the matter is quite a complex one. As you are fully aware, past requests to organize wedding receptions within the referred area were always refused due to various considerations such as contractual obligations related to EU funds and state aid issues. Thus, in order to fully process your request, our office needs the direction and official approval from various administrative authorities. It is envisioned that this consultation process with respective stakeholders to take some weeks to complete. Feel free to contact us if you need any further clarifications. Din nista' ngħaddilkom iġifieri u hemm l-application hemmhekk.

SPW: Tajjeb orrajt.

JB: Jiena dan ifhimni, jiena dan saqsejt il-ħaddiema taċ-Ċittadella biex ituni d-dokumenti jġifieri –

CP: Issa aħna hmm, is-sekwenza ta' events skond is-Sinjura Dimech kienu li l-ewwel talbuha l-fee ta' 5000 euro, imbagħad qalet isma' hmm biex tiħduli din il-fee irid ikollkom xi forma ta' legal backing, u min hemm, min hemm oriġinaw ir-regolamenti.

JB: Way back in September meta applikat.

CP: Ehe. Eh, x'tista' tgħidilna fuqha din?

JB: Meta hi applikat qalulha illi we need to get the approvals.

CP: Ehe.

JB: U bdejna bl-appovals. Bdejna nitolbu l-approvals tal-PPCD minħabba EU funds, State Aid, u mbagħad morna mal-ERA minħabba it's a site protected, iġifieri kif ġew dawn il-, kif ġew dawn umbagħad allura setgħet toħroġ il-legal notice. Iġifieri kien hemm din is-sekwenza biex isiru.

CP: Imma jiġifieri hija korretta li l-ewwel qalulha iva nistgħu naċċettawlek l-application u trid tħallasna ħamest elef euro u mbagħad hi qalet –

JB: Ma qalulhiex hekk, hekk qalulha, qalula għandek application, it is accepted, qisu inti allura qishom ibbukjaw il-post –

CP: Ehe.

JB: Kemm ma jiġix xi ħadd ieħor jibbukja imma qalulha, hemmhekk qegħda ċara, qalulha li qabel ma jkollna l-application aw l-approvals kollha in hand ma nistgħux intuk il-final confirmation illi l-post tista' tagħmel tiegħ fih. Iġifieri issa kif ftehmu magħha għall-flus ma nafx, jien li naf illi talbuha il-flus wara t-tieġ eżatt u ħallset wara t-tieġ eżatt, dak li nista' ngħid.

SPW: Inti kellek xi korrispondenza magħha mas-Segretarju Permanenti Dimech?

JB: No.

SPW: Telefonati?

JB: Ifhimni telefonati, aħna niltaqgħu il-permanent secretaries' forum, ġieli kienet issaqsini fiex inhi, ngħidilha tkellem mad-direttorat li tieħu ħsieb, ifhimni, li forsi stajt għidtilha, isma ta hmm għandna, għandna l-approval ta' state aid u qed nistennew tal-ERA, jista' jkun għiditilha. B'messaġġi jew emails ma dakx, imma jista' jkun bil-fomm, aħna niltaqgħu ħafna l-forum sikwiet niltaqgħu attivitajiet tal-permanent secretaries iġifieri, jista' jkun li saqsietni u jista' jkun li għidtilha isma' hmm wasalna f'dal process.

JA: Xi ħaġa oħra?

CP: Li qegħdin naraw ukoll hu li qisu tista' tibbukja events biċċiet differenti taċ-Ċittadella taħt entitajiet differenti, mela min-naħa tal-Ministeru t'Għawdex hemm il-Foss u xi areas oħrajn, umbagħad sibna li hemm entità li taqa' taħt Heritage Malta tissejjah Exclusive Venues li għandha available dawk iż-żewġ areas –

JB: Mela –

CP: X'inhi r-raġuni –

JB: Qabel ma beda l-proġett taċ-Ċittadella –

CP: Ehe.

JB: Jien ma nafx ġielix rajtuh, qabel iċ-Ċittadella l-foss kien magħluq. Iġifieri jiena meta t-tifel kien qiegħed jagħmel darba hmm proġett fuq il-fortifications, pruvajt nidħol id-ditch, litteralment magħluq. Gates min-naħa t'isfel hmm kien hemm ħafna ħaxix ħażin, u ma tidħolx fid-ditch. Iġifieri d-ditch kien magħluq, imma l-Heritage Malta kellha xi sites fejn għandha mużewijiet, hawnhekk hawn il-mużewijiet li dawk għaddejjin min żmien twil ilu f'idejn il-Heritage Malta dawn is-sites. Iġifieri hmm jekk tmur illum, għadhom taħt Heritage Malta. Meta mbagħad aħna għamilna l-proġett taċ-Ċittadella, u l-visitor's centre ħadnieh f'idejna bħala ministeru hemmhekk l-istess kellna problema ta' fee. Illi xtaqna ndaħħlu fee tal-ħaddiema u sar ħafna, hemm ħafna maintenance, u la ftehmna mal-Heritage Malta, isma' intom għandkom dawn is-sites, aħna għandna din is-site, għamilna biljett komuni bejnietna, biex min imur hemm fuq jista' jidħol fis-sites tagħhom tnejn jew tlieta, m'iniex ċert kemm għandhom, li huma dawn probabbli, hmm u s-site tagħna. Iġifieri biljett wieħed, jekk huwa per eżempju five euros ma nafx kemm tista' tidħol into 3 sites. Iġifieri jien dan il-mużew, in-National Museum, dħalt fih, l-ieħor il-Gran Castello Historic House, l-anqas naf biha nitkellem straight, imma naf li Heritage Malta għandhom ammont ta' sites hemmhekk. Imma kif qed ngħidu waqt li Malta sites kollha Heritage Malta u forsi xi ħaġa Wirt Artna jew hekk, f'Għawdex hemm affarijiet li huma tal-ministeru u affarijiet li

huma tal-Heritage Malta, bħal speċi l-Ġgantija hija tal-Heritage Malta, il-Ġgantija. Iġifieri dawn is-sites hmm ilhom Heritage Malta qabel ma aħna kellna ċ-Ċittadella f'idejna.

CP: Thanks. Rigward il-booking form, eh li hemm fil-website tal-Ministeru għal-Għawdex, hmm dik qisha baqgħet l-istess sew qabel u wara li ħarġu r-regolamenti. Fil fatt strictly speaking ma tistax tibbukkja reception ta' tieġ minn fuq dik il-formula. Tista' tagħżel jew wedding ceremony jew –

JB: Ħa nara, ħu paċenzja bija, jien ma nidħolx fiha dik hmm speċi hemm id-direttorat li jieħu ħsiebha.

CP: Right.

JB: Jagħmel anki xi changes kultant, hmm –

CP: Imma xtaqt nistaqsi jekk hemm –

JB: Jien x'naf jien, qed nara issa it's a public space booking detail.

CP: Sewwa.

JB: Hawn il-conditions tagħhom hawn, u tgħid  il-conditions li ma tistax tħaffer, ma tistax tagħmel fireworks, hemm ammont biex tipproteġi s-sit iġifieri hmm. U hawnhekk imma għandek title "type", u title "event" imbagħad inti timla li trid.

CP: Hekk hu, umbagħad hemm drop down menu fil fatt għal event li tagħtik lista limitata.

JB: Ehh, ehe ma, iġifieri nerġa' ngħid din id-direttorat jieħu ħsiebha, jien ma nistax nidħol f'dan il-micro tal-formola. Iġifieri jiena meta kont imdaħħal meta ġejna biex niddeċiedu dwar il- eh jekk hiex 5 thousand, jekk hiex 4 thousand jew hux 1 thousand, hemmhekk bħala iddiskutejna, hmm imma l-bqija umbagħad ċertu dettalji u hekk, hemm anka l-conditions hmm ma dħaltx fihom. Iġifieri dak id-direttorat li jara, id-direttorat ifhimni hemm nies illi l-heritage iħobbuh ħafna anki uħud minnhom huma ex ħaddiema ta' Heritage Malta allura, jafu sew naħseb kif, they are more expert than me fuq kif tieħu ħsieb a heritage site.

CP: Imma kif, just biex nalertjawk allura, imma kif qegħdin naraw l-affarijiet aħna qisu l-formula mhiex qegħda in line mar-regolamenti li ħarġu. Anki għal-fatt illi r-regolamenti huma –

JB: Insaqsihom naqra nara ftit, la qed tgħidli nirringrazzjak li qed tiġbed l-attenzjoni, imma jien milli qaluli bħal speċi. Din kienu jużawha wkoll civil weddings.

CP: Hekk hu. Fil fatt qed tikkejterja għal wedding ceremonies imma mhux receptions. Any way.

JB: Ehe imma mbagħad kitbuha, fl-application kulħadd kiteb a wedding reception u ġiet aċċettata issa.

CP: Sewwa.

JB: Iġifieri, ifhimni meta jkollok formula tant kemm hemm affarijiet  x'tista' tagħmel illi tista' tagħmel formula burokratika ta' ħamsin faċċata, u xorta ħa jibqagħlek xi ħaġa barra. Għalhekk ikollok id-drop window u tagħmel what is the event, issa jekk xi ħadd jgħidilna irid jagħmel l-event ma nafx jien xi ħaġa mhux aċċettabbli għal historical site, ngħidulu not approved hu. Iġifieri kif ġieli ġraw. Hmm speċi fuq knisja riedu jagħmlu fuq iz-zuntier attività li jekk iħossu l-kappillan tal-post illi m'għandux jagħmel ċertu attività gieli m'aċċettawhomx, iġifieri anka aħna jekk fiċ-Ċittadella xi ħadd ħa jagħmel attività imma tħossux jidħol kontra l-preġju tal-post mhux ħa nħalluha ssir hu.

CP: L-aħħar domanda min-naħa tiegħi, eh just biex nikkonferma, li Joyce Dimech kienet li attwalment ħallset il-miżata ta' ħamest elef euro għall-ewwel darba hux hekk?

JB: Sa fejn naf jien hi ehe hi għax hu kien l-ewwel tieġ li sar hu. Iġifieri awtomatikament hi l-ewwel waħda li ħallset.

JA: Fil-fatt attwalment sar għax applications saru fi żmienha jew qabel.

JB: Applications qabel saru.

JA: Qabel saru.

JB: U dejjem ġew irrifjutati meta jkunu bir-receptions imma mbagħad bl-ammont li bdew deħlin, iġifieri u kien hawn min anka hmm per eżempju dan l-ieħor li semmejt eh, it-tieni wieħed hmm dak ilu jitlob ħafna hmm Paul Sultana. Kien ilu jitlob u jista' jkun iċempel bniedem jew jikteb email iġifieri mhux bilfors, talbiet kien ikun hemm ħafna u dejjem kienu jiġu rrifjutati, umbagħad rajna ġejjin ammont ta' talbiet, għaddew il-five years, eh is-CBA itik li tista' tagħmel, allura mbagħad bdejna l-proċess hmm f' Ottubru ta' 2023 u l-proċess dam ftit mhux ħażin l-iktar minħabba l-ERA, iġifieri għax kif għidtilkom l-ERA hija strinġenti ħafna dwar ħoss, dwar dwal, u wasalna fi ftehim magħhom. Iġifieri forsi b'hekk waħda mir-raġunijiet għalfejn domna biex ħarġet il-legal notice.

JA: Xi ħaġa oħra Dottoressa ?

SPW: Le.

JA: Ok, grazzi.

JB: OK.

JA: Din hija s-sustanza tax-xhieda tas-Sur John Borg dettata minnu stess fuq it-tape. Grazzi.

Data tal-aħħar reviżjoni:  2 ta' Lulju 2025

9

DOKUMENT G1

## Cini Stephen at MGP-Cultural Heritage

| | |
|---|---|
| **From:** | Cini Stephen at MGOZ-Cultural Heritage |
| **Sent:** | Friday, 29 September 2023 12:19 |
| **To:** | Dimech Joyce at MHAL - OPS |
| **Cc:** | Xuereb John at MGOZ-Cultural Heritage |
| **Subject:** | Booking Cittadella Ditch number 1767 |
| **Attachments:** | Booking Cittadella Ditch no - 1767.pdf |

Dear Ms Dimech.

Reference is made to your application (booking No: 1767) to organise a wedding function/reception within the Cittadella Ditch on 15-16 June 2024.

Kindly be informed that your application is currently being evaluated. However, our office is not in a position to fully confirm your application yet as the matter is quite a complex one.
As you are fully aware, past requests to organise wedding receptions within the referred area were always refused due to various considerations such as contractual obligations related to EU Funds and state aid issues.

Thus, in order to fully process your request, our office needs the direction and official approval from various administrative authorities. It is envisioned that this consultation process with the respective stakeholders would take some weeks to complete.

Feel free to contact us if you need further info or clarifications from our end.

Regards

Stephen Cini
Assistant Director
Head Office
Cultural Heritage Directorate

t +356 22156496 e stephen.cini@gov.mt
www.gozo.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR GOZC
GOZO - CASTLE HILL BUILDING, IT- TELGHA TAL-BELT
IR-RABAT, GOZO, MALTA

Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail

126

DOKUMENT G2

## Cini Stephen at MGP-Cultural Heritage

| | |
|---|---|
| **From:** | Cini Stephen at MGP-Cultural Heritage |
| **Sent:** | Tuesday, 16 April 2024 13:15 |
| **To:** | Dimech Joyce at MHSE |
| **Cc:** | Xuereb John at MGP-Cultural Heritage |
| **Subject:** | RE: gala dinner Cittadella Ditch |

Ref: booking No: 1767

Dear Ms Dimech,

Reference is made to our onsite meeting held on the 13th March 2024 at the Cittadella and its Ditch .

Your request for the organisation of a wedding function/reception within the Cittadella Ditch scheduled for Saturday 15 June 2024 is already noted and booked from our end.

Nevertheless, since the Cittadella is a Natura 2000 site, approvals for the use of the Cittadella Ditch is subject to ERA consideration and discretion. As per our discussions you are kindly asked to seek such permissions through the following link.

https://era.org.mt/announcements/activities-affecting-natura-2000-sites/

You are also kindly asked to seek the approval of the Malta Police Office for the organisation of such events so as to have all the necessary permits in place on the day..

Kindly let us know if you need further clarification or support from our end.

Kind regards,

stephen


Stephen Cini
Assistant Director
Head Office
Cultural Heritage Directorate

t +356 22156496 e stephen.cini@gov.mt
www.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

[illegible]

MINISTRY FOR GOZO AND PLANNING
HEAD OFFICE - CULTURAL HERITAGE DIRECTORATE, 11, IT-TELGHA TAL-BELT
IR-RABAT, GOZO, MALTA


**From:** Cini Stephen at MGP-Cultural Heritage
**Sent:** Wednesday, March 13, 2024 9:59 AM
**To:** Dimech Joyce at MHSE <joyce.dimech@gov.mt>
**Subject:** gala dinner Cittadella Ditch

Dear Ms Dimech,

Attached please find some images of the EU-Malta Presidency gala dinner held at the Cittadella ditch in June 2017 as promised.

DOKUMENT H

**From:** Dimech Joyce at MHSE
**To:** Sarah Pace Warrington - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Cc:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life; Office
**Subject:** Risposta: Każ K/066 - Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
**Date:** Tuesday, 16 September 2025 13:53:35
**Attachments:** gala dinner Cittadella Ditch.msg
RE gala dinner Cittadella Ditch.msg
Booking Cittadella Ditch number 1767.msg
Re. Booking request for Cittadella - Ditch between 15062024 0600 and 16062024 0000 (reference 1767).msg
Re Re. Booking request for Cittadella - Ditch between 15062024 0600 and 16062024 0000 (reference 1767).msg

---

Lil: Onor. Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi

Onor. Prim Imħallef Emeritu,

Nagħmel riferenza għall-ittra tas-Sinjurija tiegħek datata 27 t'Awissu, 2025.

Kontestwalment ma' din l-email qiegħed nifforwardjalek l-emails kollha li jiena għandi fil-pussess tiegħi mal-Ministeru għal Għawdex relattivi għall-użu bi ħlas ta' Cittadella Ditch għat-tifla tiegħi.

Nixtieq nirrileva illi meta jiena tajt ix-xhieda tiegħi fil-preżenza tiegħek, ta' Dr. Sarah Pace Warrington u tas-Sur Charles Polidano, jiena kont ġibt miegħi faxxiklu ta' dokumenti, inkluż emails, illi jiena kont ippreżentajtilkom, u intom kontu għażiltu d-dokumenti illi dehrilkom li huma ta' rilevanza. Għalhekk m'għandi ebda xjenza li jiena ma pprovdejtx kopji tal-korrispondenza kollha b'risposta għat-taħrika tal-Uffiċċju tiegħek tad-9 ta' Jannar, 2025, liema korrispondenza, fl-imsemmija taħrika, ma kellix struzzjonijiet biex nippreżentaha fil-format illi ġejt mitluba nippreżentaha bl-ittra tiegħek tas-27 t'Awissu, 2025 (f'liema format effettivament qiegħed nippreżentaha).

Filwaqt li niddikjara li ċertament li ma kelli l-ebda intenzjoni jew interess li xi korrispondenza ma tiġix ippreżentata, inħossni fid-dmir lejja nnifsi u lejn l-integrita' personali u professjonali tiegħi li ntenni li f'din il-viċenda, kif nagħmel dejjem, jiena mxejt bl-ikbar korrettezza u responsabilita', u dan kif diġa spjegajt u kif disposta li, jekk ikun hemm bżonn, nerġa' nispjega.

Fl-istess waqt jiena nixtieq nitlob li niġi pprovduta bit-traskrizzjoni tax-xhieda li jiena diġa tajt quddiem is-Sinjurija tiegħek.

Filwaqt li nirringrazzjak għall-attenzjoni tiegħek, għoddni

Dejjem Tiegħek

Joyce Dimech
Permanent Secretary
Office of the Permanent Secretary

**t** +356 25689200 **e** joyce.dimech@gov.mt
www.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS,
SECURITY AND EMPLOYMENT

35, 36, 37, OLD BAKERY STREET,
VALLETTA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

**From:** Cini Stephen at MGP-Cultural Heritage
**To:** Dimech Joyce at MHSE
**Cc:** Bezzina Buttigieg Rebecca at MGP-Cultural Heritage; Debono Sharon at MHA - GGH; Xuereb John at MGP-Cultural Heritage
**Subject:** Re. Booking request for Cittadella - Ditch between 15/06/2024 06:00 and 16/06/2024 00:00 (reference: 1767)
**Date:** Wednesday, 19 June 2024 14:10:31
**Attachments:** Request for Payment - Larissa and Josef wedding reception 2024.pdf
Legal notice weddings malti.pdf

---

Dear Ms Dimech,

Attached please find Request for Payment in respect of the subjoined booking

Booking Details:
- Booking ID: 1767
- Application Date: 07/09/2023 14:37
- Public Space: Cittadella - Ditch
- Start Date/Time: 15/06/2024 06:00
- End Date/Time: 16/06/2024 00:00
- Event Type: Wedding Ceremony
- Event Title: Wedding of Larissa & Josef

This office would like to take this opportunity to thank you for your kind co-operation in holding your family event within the Cittadella fortress and wishes Larissa and Josef all the best on this special occasion.

Additionally we thank you for your kind words and appreciation towards our Directorate's input in hosting this first ever wedding reception within the Cittadella Ditch.

Regards

Stephen

Stephen Cini
Assistant Director
Head Office
Cultural Heritage Directorate

t +356 22156496 e stephen.cini@gov.mt
www.gozo.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR GOZO

GOZO - CASTLE HILL BUILDING, IT- TELGHA TAL-BELT,
IR-RABAT, GOZO, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

Dokument I

**From:** Bonnici Owen at MCLG
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Re: Każ K/066 dwar regolamenti li nħarġu biex jippermettu tiġijiet fil-foss taċ-Ċittadella, Għawdex - l-ewwel minn żewġ messaġġi
**Date:** Friday, 24 October 2025 06:18:15

---

Ghaziz sur Polidano

Irrid nghidlek li m ghandi xejn iktar x inzid oltre dak li ghidt in skritt fit 28 ta awwissu li ghadda.

Ghall preċiżazzjoni rrid nghid li bi zvista fl-ittra tiegħi tat 28 ta awissu li ghadda lis sur kevin mahoney iddeskrivejtu bhal Segretarju Parlamentari minflok Segretarju Permanenti kif kelli suppost niddeskrivih.

Tislijiet

Owen
Sent from my Samsung phone

Get Outlook for Android

---

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt>
**Sent:** Saturday, October 11, 2025 5:24:31 PM
**To:** Bonnici Owen at MCLG <owen.bonnici@gov.mt>
**Subject:** RE: Każ K/066 dwar regolamenti li nħarġu biex jippermettu tiġijiet fil-foss taċ-Ċittadella, Għawdex - l-ewwel minn żewġ messaġġi

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Onor. Ministru Bonnici

Qed nibgħatlek iż-żewġ ittri li tlabtni.

Insellimlek,
Charles Polidano

**Charles Polidano**
Director General
Office of the Commissioner for Standards in Public Life
Tel: +356 2726 9593 Web: https://standardscommissioner.mt/

---

**From:** Bonnici Owen at MCLG <owen.bonnici@gov.mt>

**Sent:** Saturday, 11 October 2025 17:18
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
<charles.polidano@standardscommissioner.mt>
**Subject:** Re: Każ K/066 dwar regolamenti li nħarġu biex jippermettu tiġijiet fil-foss taċ-Ċittadella, Għawdex - l-ewwel minn żewġ messaġġi

Grazzi

Ha nkellmek lura wara li nistudja l atti kollha.

Huwa possibbli tibgħatli l-istatement li kont bghatt jiena lill-Uffiċju li taħdem miegħu inti dwar dan il kaz jekk jogħġbok?

Ukoll l ittra promotura li inizzjat il-proċedura kollha?

Owen

Sent from my Samsung phone

Get Outlook for Android

---

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
<charles.polidano@standardscommissioner.mt>
**Sent:** Saturday, October 11, 2025 5:08:17 PM
**To:** owen.bonnici@gov.mt <owen.bonnici@gov.mt>
**Subject:** Każ K/066 dwar regolamenti li nħarġu biex jippermettu tiġijiet fil-foss taċ-Ċittadella, Għawdex - l-ewwel minn żewġ messaġġi

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Onor. Dr Owen Bonnici
Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali

Nirreferi għall-ittra tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika datata 30 ta' Lulju 2024 dwar il-każ K/066, u r-risposta tiegħek datata 28 ta' Awwissu 2024.

Ġentilment mitlub tara l-ittra annessa tal-Kummissarju dwar l-istess każ.

Din l-ittra telenka numru ta' dokumenti li qegħdin jintbagħatu f'żewġ ġabriet separati. L-ewwel ġabra hija annessa ma' din l-email. Se nibgħatlek it-tieni waħda f'email separata biex ma neċċedix il-limitu fuq id-daqs tad-dokumenti annessi.

Nirringrazzjak,

Charles Polidano

**Charles Polidano**
Director General
Office of the Commissioner for Standards in Public Life
Tel: +356 2726 9593 Web: https://standardscommissioner.mt/